Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 158/2019

Il-Pulizija
(Spettur John Spiteri)
(Spettur Joseph Busuttil)

Vs

Neil Zammit

Illum 14 ta' Jannar, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Neil Zammit detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 347297M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit-3 t' April, 2016 gewwa dawn il-Gzejjer fil-Furjana, ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe *Omissis* minuri ta' 14 –il sena;
2. Aktar talli matul il-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u is-16 ta' Mejju 2016 gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura b' numru ta' registrazzjoni GAT 683 tal-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad b' mod traskurat, perikoluz u bla kont;
3. Aktar talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda matul ix-xhur t' April 2016 u Mejju 2016 saq vettura bil-mutur tar-

registrazzjoni GAT683 tal-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad minghajr licenzja ta' sewqan;

4. Aktar talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u s-16 ta' Mejju 2016 xjentement gieghel, hajjar jew ta ghajnuna jew b' xi mod iehor ghen jew assista lil *Omissis*, *Omissis*, *Omissis* biex tahrab jew biex tkun jew tibqa nieqsa kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' Artiklu 12 ta' Kap 285 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u s-16 ta' Mejju 2016 m' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ghamel skont il ligi jew b' xi mod iehor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kinux jaqghu taht dispozizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra;

6. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b' sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) waqt il perjodu operattiv taghhom mahruga mill Magistrat Dr. C. Clarke LL.D datata id-19 ta' Gunju 2013; Magistrat Dr. C. Peralta LL.D datata nhar it-18 ta' Marzu 2014, Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata fit 22 ta' Mejju 2014; Magistrat Dr. D. Clarke datata nhar it-22 t' April, 2015.

F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 204C (1) u 388 (ee), tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15 (1) (a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 12 (2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda mhux tal-addebitu tar-recidiva ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u kkundannatu sentejn (2) prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum. Sabiex tigi protetta l-identità tal-minuri, il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Neil Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitux hati tal-ahhar akkuza tar-recediva, tilliberah mis-sitt (6) akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu ghar-ragunijiet tal-ewwel u t-tieni aggravji u konsegwentement tilliberah minnhom u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', il-hames u s-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok, timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Neil Zammit huma s-segwenti u cioè:-

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

**A <u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-appellant, hlief ghall-imputazzjoni tar-recediva.</u>**

(a) Illi mir-rapport tal-Pulizija tas-17 ta' April, 2016 (a fol. 15-17 tal-process) ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (22.00 hrs) kien sar rapport mit-Tabib Dr Maria Callus M.D. Med Reg 3343 mill-Health Centre tal-Furjana illi kienet ghadha kemm ezaminat lil *Omissis* detentrici tal-karta tal-identita' 290801 L ta' erbatax (14) fejn din stqarret maghha illi madwar gimaghtejn ilu kienet giet irrejpjata minn certu Neil Zammit. Hawnhekk tqum il-mistoqsija ghalfejn *Omissis* irrapportat gimaghtejn wara li sar il-kaz (jekk tabilhaqq veru sar). Dakinhar hija stqarret quddiem it-Tabib Dr Maria Callus li hija giet irrejpjata.

*Omissis* fil-prezenza tal-genituri taghha u tal-membri tal-Pulizija qalet li ltaqghet ma' Neil Zammit il-Belt Valletta. Hija allegat li Neil sfurzaha u "ripped of her tights". Illi fil-fehma tad-difiza kemm it-tights li kienet liebsa *Omissis* u anke l-gakketta mcappsa bis-semen tal-allegat aggressur li ntremiet skont l-istess rapport imsemmi u bid-demm tal-vittma ma gew ipprezentati mill-prosekuzzjoni u lanqas saret xi forma ta' tfittxija mill-Pulizija ezekuttiva ghall-gakketta sabiex jigi vverifikat li tali reati saru tabilhaqq.

Barra milli din it-tfittxija ghall-gakketta u t-tights kellha tkun parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija sabiex jigi accertat li dawn ir-reati ta' attivitajiet sesswali ma' minorenni tabilhaqq avveraw ruhhom, kellu jigi mqabbad espert tal-Qorti preferibbilment Gajnikologu u/jew espert tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk tassew sehhux dawn l-allegazzjonijiet ta' attivitajiet sesswali (rape) mal-minorenni jew jekk dawn l-allegazzjonijiet kinux tabilhaqq qlajjiet tal-minorenni sabiex iggib fl-inkwiet lill-imputat. Minn dan kollu ma sar xej mill-Pulizija ezekuttiva u fil-fatt il-minorenni dawret il-verzjoni.

WPS 33 Bernardette Valletta xehdet fil-25 ta' Ottubru, 2016 li kien hemm diskrepanzi fil-verjzoni bejn dak li qalet *Omissis* quddiem is-Surgent tad-distrett ghal dak li kienet qalet lis-Surgent tal-Vice-Squad. Is-Surgent qalet li rceviet waiver bil-miktub minghand il-genituri ta' *Omissis*, *Omissis* u *Omissis* fejn stqarrew bil-miktub illi ma jridux li jittiehdu passi fil-konfront ta' Neil Zammit ghal li kien allegatament gara mal-minuri u dan minhabba l-interess ta' binthom.

Is-Surgent spjegat lill-genituri ta' *Omissis* illi r-reat huwa *ex officio*, pero' s-Surgent Valletta ma qalitx ghaliex ir-reat huwa ***ex-officio***. Jekk ir-reat huwa wiehed ex-officio ghax sehh fil-pubbliku jew ghax akkumpanjat ma' reat li jaffettwa l-paci pubblika jrid jigi specifikat mill-prosekuzzjoni l-post ezatt fejn sehh ir-reat u ghaliex ir-reat huwa wiehed ex-officio. Il-Pulizija kellha tmur fuq il-post mal-minuri sabiex jigi determinat il-post ezatt fejn sehhew l-allegat reat. Is-Surgent Valletta qalet li *Omissis* nehhiet hwejjigha **minn jeddha**. Is-Surgent ftit qabel qalet li *Omissis* nehhiet xi hwejjeg u Neil xtaq li jkollhom attivita' sesswali bejniethom izda ***Omissis* ma riditx**. Ghaldaqstant anke hawn il-verzjoni tas-Surgent Valletta mhix konsistenti. Is-Surgent Valletta qalet fir-rapport taghha a fol 180 Dok BV1 li l-imputat Sforza lil *Omissis* u ***"ripped her tights off…".***

PS 1192 Martin Wyson fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Jannar, 2017 xehed li l-post fejn l-imputat Neil Zammit ha lill-minuri kien "il-car wash ta' Transport Malta…" (a fol 196). Ghaldaqstant, anke l-post fejn saru dawn l-attivitajiet sesswali mal-minuri mhux maghruf precizament ghaliex min xehed li l-post kien hdejn il-car wash ta' Transport Malta u min xehed li sehh fejn il-park and ride l-Furjana u l-vittma ma jidhirx mill-atti li ttiehdet fuq il-post fejn sehhu l-allegat reat.

**B <u>L-istqarrija rilaxxata mill-Appellant hija inammissibbli u ghalhekk ghandha tigi sfilzata mill-process.</u>**

(a) Qed jigi sottomess li din ghandha tigi dikjarata bhala inammissibbli ghaliex meta tali stqarrija giet rilaxxata, l-imputat illum appellant ma kellux dritt li l-avukat tieghu jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Din l-eccezzjoni ngiebet fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-decizjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-European Court of Human Rights and Freedoms u tal-Qrati ta' Malta u fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-artikoli 355AT u 355AUA tal-Kodici Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017, liema artikoli rrendew applikabbli d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014. Saret referenza ghall-artikolu 355 AUA (8) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra:

*"(c) il-persuna suspettata jew akkuzata ghandu jkollha d-dritt li l-avukat taghha jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-partecipazzjoni tista' tigi regolata skont proceduri li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk izda li dawk il-proceduri ma jippregudikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt koncernat. Meta avukat jippartecipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-partecipazzjoni ghandu jkun irregistrat permezz tal-uzu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjovizwali skont il-paragrafu (d):*

*Izda d-dritt tal-avukat li jippartecipa b'mod effettiv ma ghandux jinftiehem bhala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuggerixxi twegibiet jew reazzjonijiet ohra ghall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka ohra mill-avukat ghandha, hlief f'cirkostanzi eccezzjonali, issir wara li l-Pulizija Ezekuttiva jew awtorita' ohra investigattiva jew awtorita' gudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma ghandhomx aktar mistoqsijiet;"*

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016 permezz tal-Artikolu 355AT (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Att dahal fis-sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016).

Fis-16 ta' Mejju, 2016, meta l-imputat kien ghad kellu biss tmintax (18) -il sena meta ttehditlu l-istqarrija mill-Ispetturi tal-Pulizija Joseph Busuttil u John Spiteri, huwa rrifjuta d-dritt tal-Avukat u ffirma dokument dwar dan ir-rifjut (a fol 34 tal-process). L-imputat ma ffirmax l-istqarrija. Mid-dikjarazzjoni-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat (a fol 34 tal-process), ma jirrizultax kjarament li l-appellant inghata d-dritt li jkun assistit personalment minn Avukat tal-fiducja tieghu **waqt it-tehid tal-istqarrija.** Imma jirrizulta biss li tali dritt inghata lill-appellant **"qabel nigi nterrogat mill-Pulizija"** igifieri limitatament ghall-konsultazzjoni qabel it-tehid tal-istqarrija. Din id-darba tali rifjut ghal parir legali a fol 34 tal-process gie ffirmat mill-imputat/appellant. L-Avviz Legali 102 tal-2017 dahal fis-sehh fit-tlettax (13) t'April tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Illi fil-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D Dip Matr., (Can) **Appell Nru: 229/2018 Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur deciza fis-16 ta' Mejju, 2019** l-Onorabbli Qorti ddecidiet ***"Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li ma jirrizultax kjarament jekk l-appellant inghatax id-dritt li***

***jkun assistit fizikament bil-prezenta ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija sejra sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellant, tiddikjara l-istqarrija tat-tnax (12) t'April tas-sena elfejn u sbatax (2017) bhala inammissibbli".***

Fl-Appell tal-Qorti Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) **Appella Nru: 361 / 2018 Il-Pulizija (Spettur James Grech u Spettur Fabian Fleri) vs Kurt Grima Deciza fil-21 Ta' Mejju, 2019** gie kkwotat il-kaz **Pishchalnikov v. Russia tal-24 ta' Settembru 2009 ECTHR, App no 7036/04** u ntqal mid-difiza li "Hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1) in konnessjoni mal-Artikolu 6 (3) (c) fejn l-appellant ma nghatax access ghall-parir tal-avukat fl-ewwel jien li hu kien jinsab fil-kustodja tal-Pulizija filwaqt li l-Gvern kien qieghed jargumenta li l-istess applikant irrinunzja ghad-dritt tieghu ghall-avukat. Il-Qorti sabet li meta wiehed jirrinunzja, din ghandha tkun, "must not only be voluntary, but must also constitute a knowing and intelligent relinquishment of a right. Before an accused can be said to have implicitly, through his conduct, waived an important right under Article 6, it must be shown that he could reasonably have foreseen what the consequences of his conduct would be" (para. 77).

Fil-kaz ta' **Aleksander Arkadyevich Pishchalnikov v. Russia** tal-24 ta' Settembru 2009 ECTHR, App no 7025/04, il-Qorti sabet illi l-fatt tan-nuqqas tal-Avukat lill-applikant fl-istadju inizjali meta l-Pulizija kienet qed tinterroga lil Aleksander affetwa hazin b'tali mod li ma tistax tissewwa jew tirrimedja ruhha d-drittijiet tad-difiza (difenzjonali) tal-akkuzat u l-istess nuqqas tal-assistenza tal-Avukat fl-istadjijiet bikrijin tal-investigazzjoni jimminaw l-apparenza ghad-dritt tal-***fair trial*** u wkoll l-principju legali l-iehor tal-***equality of arms.***

Fil-kaz in ezami, l-imputat kien tressaq taht arrest fis-17 ta' Mejju, 2016 u kien ghad ghandu l-eta' tenera hafna ta' tmintax-il sena.

Fil-kawza fil-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Appell Nru: 361 / 2018 **Il-Pulizija (Spettur James Grech u Spettur Fabian Fleri) vs Kurt Grima** deciza fil-21 ta' Mejju, 2019 intqal mid-difiza (pagna 5) "Illi l-Qorti kkunsidrat li d-dritt ghall-ghajnuna tal-avukat huwa dritt

fundamentali li jaghmel parti importanti mis-smigh xieraq kif huwa mitlub u enforzat taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem u li ghalhekk ghandu bzonn protezzjoni specjali li wiehed jirrinunzja bit-taghrif u l-intelligenza ta' din l-istess decizjoni. Illi jidher b'mod car li fil-kaz odjern, id-dritt tal-appellant gie leziv hekk kif din l-interrogazzjoni u l-istqarrija tieghu saret fic-cirkostanzi li l-ewwel kien ingieb direttament mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u t-tieni rrifjuta li jiehu parir legali ghaliex ma kienx jaf verament dan x'ifisser u x'setghu jkunu l-konsegwenzi ta' dan il-pass mehud f'mument kritiku, fl-istat li kien jinsab fih l-appellant". F'dan il-kaz, il-Qorti skartat l-istqarrija tal-akkuzat u ddecidiet hekk: - "*Illi kif ikkunsidrat, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt li jkollu ghajnuna legali qabel ma gie nterrogat. Din il-Qorti tenfasizza li dan il-fatt ma jistax jigi interpretat bhala rinunzja tacita ghad-dritt li l-appellant ikollu prezenti Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija u dan stante li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, l-appellant ma kellux il-jedd illi jaghzel li jkollu l-prezenta ta' Avukat matul l-interrogatorju. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant in linea mad-Direttiva 2013/48/UE u tal-izvilupp gurisprudenza sabiex id-drittijiet tal-appellant ma jigux lezi, tiddikjara l-istqarrija tal-appellant bhala inammissibbli u ghalhekk kwalunkwe referenza ghall-istqarrija fl-atti sejra tigi skartata*".

(b) Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax dan l-aggravju li tigi sfilzata l-istqarrija tal-imputat/illum appellant, jinghad illi fl-istess stqarrija tal-Pulizija datata 16 ta' Mejju, 2016 fis-06.06pm li saret lil Neil Zammit, hemm mistoqsija specifika li saret mill-Pulizija, fis-sens li fil-lejl tal-15 ta' Mejju 2016 Neil Zammit kellu x'jaqsam sesswalment ma' *Omissis* (u mhux *Omissis* kif hemm fl-imputazzjoni). Illi l-ewwel imputazzjoni hija akkuzat "talli nhar it-**3 t'April, 2016** gewwa dawn il-gzejjer……." Fl-istqarrija li hija datata 16 ta' Mejju, 2016 06.06 pm, Neil Zammit gie mistoqsi mill-Pulizija kif qatta' l-gurnata' tal-bierah jigifieri l-gurnata **tal-15 ta' Mejju, 2016.** Dan juri li l-gurnata tal-imputazzjoni u l-gurnata tal-istqarrija huma totalment differenti u ma jikkorrispondux ma' xulxin.

Fl-istess stqarrija saret mistoqsija ohra imma din id-darba bl-isem ta' *Omissis* **(u mhux *Omissis*).** Dan fis-sens li saret mistoqsija mill-pulizija fuq il-bicca xoghol ta'

*Omissis* jekk zgur li meta Neil Zammit kellu x'jaqsam maghha hija riedet, jew waqqghitux u huwa kompla. Illi l-istess stqarrija mhix iffirmata mill-imputat.

Illi ghandu jigi hawn mistharreg jekk id-data tal-ewwel imputazzjoni u d-data tal-istqarrija humiex dati totalment differenti u konsegwentement dak kollu li ntqal fl-istqarrija mill-imputat illum appellant u mill-pulizija kien kompletament skorrett u jitkellmu fuq il-gurnata ta' qabel l-istatement (stqarrija) li hija l-15 ta' Mejju, 2016. Dan apparti li l-istess stqarrija mhix iffirmata mill-imputat u f'numru konsiderevoli tal-mistoqsijiet tal-Pulizija, huwa wiegeb "ma nwegibx".

Illi ghall-ahhar tal-istqarrija, mhux specifikat la bil-mistoqsijiet tal-ispetturi investigaturi u lanqas mit-twegibiet tal-imputat stess, fejn sehhu l-allegati attivitajiet sesswali jekk hux f'post pubbliku jew f'xi post iehor. Illi l-genituri ta' *Omissis* kienu rrinunzjaw sabiex iwaqqfu dawn il-proceduri fil-konfront tal-appellant. Ghalhekk, la l-post u lanqas id-data tal-allegat reat mhumiex specifikati fl-istqarrija, l-appellant ghandu jkun liberat mill-ewwel imputazzjoni stante r-rinunzja li saret mill-genituri tal-minorenni u data erroneja fl-istqarrija li ma tikkorroborax mad-data tal-ewwel imputazzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellant hija vera u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu (Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890). **"Il-cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onusprobandi incumbit qui osservit."** Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa daqstant veru wkoll kif gie deciz, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997 "It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".

Illi d-difiza tensafizza li f'dawn it-tipi ta' kawzi li jikkoncernaw offizi sesswali, jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li l-kaz huwa rinfaccat b'verzjonijiet differenti tal-fatti mill-istess minuri fis-sens li l-ewwel qalet li giet irrejpjata mbaghad dawwret il-verzjoni u qalet mod iehor.

Dan huwa kunfliggenti ghal kollox. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, dan ghandha jigu pruvat oltre minn kull dubju dettat mir-raguni.

Il-gakketta u l-kalzetti (tights) tan-nisa kellhom jingiebu mill-Pulizija bhala provi cirkustanzjali (circumstantial evidence) sabiex jorbtu l-allegat reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna that l-eta' li hija *Omissis* minuri ta' erbatax (14) -il sena u dan skont l-ewwel imputazzjoni. Illi fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Gunju 2010 il-Qorti qalet illi: "Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka".

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilta' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-akkuzat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-akkuzat stante illi l-provi cirkostanzjali jridu jwasslu ghal konkluzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2013. "Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johorgu minn dan il-process, provi illi huma wkoll important, addirittura mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss". Illi l-Onorabbli Qorti bid-dovut rispett, in-nuqqas ta' provi cirkostanzjali ma tatx kashom u qatt ma saru mistoqsijiet ghar-rigward tal-gakketta u l-kalzetti tan-nisa jew il-hwejjeg li kienu liebsa kemm l-

imputat u anke l-allegata minorenni sabiex jorbtu l-fatti kollha kif gew spjegati mill-minorenni stess.

Dan qed jinghad peress li l-minorenni dawwret il-verzjoni taghha u ghalhekk hemm id-dubju favur l-imputat fuq il-principju legali kriminali ***in dubio pro reo***. Illi wkoll issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002 fejn il-Qorti sostniet is-segwenti: "Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda… biex prova indizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu u, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".

Fil-guri Qorti Kriminali Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. **Att ta' Akkuza numru: 15/2018 Ir-Repubblika ta' Malta vs *Omissis*** deciza fil-11 ta' Jannar 2019 intqal (pagna 37) "Illi b'zieda ma' dan, l-avukat difensur irrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha, dwar dan ghandu ragun. Din il-Qorti tkompli zzid li mhux kull prova cirkostanzjali fil-fatt tista' tissejjah cirkostanzjali, peress li jista' jkun hemm kaz fejn tali prova ma torbot xejn mal-fatt li qed jigi trattat. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, din ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li akkuzat ikkommetta dak id-delitt". Izda fil-kaz in ezami, mhux talli hemm prova cirkustanzjali, imma talli l-minuri dawret il-verzjoni taghha.

**C Konsegwentament, jekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha taqbel mar-ragunament tad-difiza li l-istqarrija tal-imputat ghandha tigi sfilzata mill-process minhabba l-fatt li l-imputat ma nghatax id-dritt effettiv ghall-assistenza tal-**

**Avukat/Prokuratur Legali waqt l-interrogazzjoni, anke ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil u l-Ispettur John Spiteri ghandha tigi sfilzata mill-process ghaliex hija l-effett difettuz ta' tali mankanza tan-nuqqas tal-parir legali u nuqqas tal-assistenza tal-Avukat/Prokuratur Legali kemm fl-istadju bikri tal-investigazzjoni (qabel) u anke waqt l-interrogazzjoni attwali.**

Minghajr pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, specjalment fl-ittra C, bhala stat ta' fatt, b'referenza ghall-Ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-appellant, sa mill-bidunett tax-xhieda tal-Ispettur John Spiteri li xehed li hemm xi ftit diskrepanza fil-verzjoni tal-fatti fejn *Omissis* qabel qalet li kienet waqqfet il-kunsens taghha fl-attivitajiet sesswali u proprju wara kienet spjegat li hi riedet dawn l-attivitajiet sesswali jsehhu (a fol 41 tal-process). L-Ispettur Spiteri kompla jixhed fejn qal li *Omissis* spjegat lill-Ispettur li hija xtaqet li l-attivitajiet isehhu kollha pero' kien hemm mument fejn hi bdiet twegga' u kienet qalet lill-imputat biex jieqaf fejn fil-fatt l-imputat waqaf u l-Ispettur kompla li l-vittma spjegat li dan kien kompla u qalilha biex tkompli timmasturbah gik gara fil-fatt. Illi l-vittma ma tistax titwemmen ghax jew waqaf jew kompla u ghalhekk il-vittma ghat-tieni darba hija inkonsistenti.

Proprju l-Ispettur Spiteri xehed li Neil Zammit kien arrestat l-ghada jigifieri fis-16 ta' Mejju, 2016 wara mandat t'arrest fuq l-ewwel rapport igifieri fuq l-allegat attivitajiet sesswali ma' *Omissis* u biex jigu lokalizzati t-tliet minuri. Pero' ma ssemma' xejn preciz mill-Ispettur Spiteri dwar x'tip ta' twissijiet u drittijiet tawh u li kellhom jaghtu l-kollegi tieghu l-Pulizija lill-imputat **<u>a tempo vergine.</u>** Ma qal xejn l-Ispettur Spiteri **<u>kif</u>** gie nfurmat l-imputat u xi kliem intqal lis-suspettat ghad-dritt li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu u xi kliem intqal mill-Ispetturi u/jew l-Pulizija kemm qabel l-interrogazzjoni u kif ukoll **<u>waqt</u>** l-interrogazzjoni i.e. ghad-dritt li jkollu avukat waqt l-interrogazzjoni.

Illi l-ammissjonijiet kollha mal-Pulizija, inkluzi tas-sewqan tal-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru GAT 683 b'mod traskurat, perikoluz u bla kont, talli saq l-istess vettura bla licenzja, talli xjentement l-imputat gieghel, hajjar jew ta ghajnuna jew ghern jew assista lit-tliet minuri sabiex jaharbu jew ikunu jew jibqghu mahruba jew jibqghu nieqsa, huma kollha difettuzi u rriti u nulli u bla bazi legali ghar-ragunijiet

imsemmija f'dan it-tieni aggravju. Izjed minn hekk, ix-xhieda tal-Ispettur John Spiteri hija hearsay evidence (**detto del detto**) ghax spjega lill-Qorti tal-Prim' Istanza x'qalulu Pulizija ohra. Ghaldaqstant din ix-xhieda tal-Ispettur Spiteri m'hijiex ammissibbli u ghandha tigi skartata minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Dan apparti l-fatt u minghajr pregudizzju ghal dak li gie spjegat fil-bidu tat-Tieni Aggravju.

Illi fuq ic-certifikat mediku datat 18 t'April, 2016 ma hemm xejn indikat fejn huwa l-post preciz fejn saru dawn l-atti, izda hemm biss "to a place in Valletta (Floriana) whose car licensing test are done" (Dok JS 2, a fol 42).

Illi sfortunatament anke parti sostanzjali tax-xhieda li ta l-Ispettur Joseph Busuttil hija hearsay evidence (**detto del detto**) u ghalhekk mhix ammissibbli u ghandha tigi sfilzata u dan minghajr pregudizzju ghal dak li ga gie spjegat fit-Tieni Aggravju fil-bidu. L-istess gara fil-kaz tax-xhieda tal-Ispettur Busuttil, fejn dan ma spjega xejn lill-Qorti fix-xhieda tieghu x'tip ta' twissijiet u drittijiet legali li taw lill-imputat **a tempo vergine** meta gie arrestat fis-16 ta' Mejju, 2016. Imbaghad l-istess Spettur Busuttil xehed rigward li r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ma kien rape xejn ghax l-atti kienu gew esekwiti (jekk gew fil-fatt) bil-kunsens ta' *Omissis*. Minn hawnhekk isegwi u tqum il-mistoqsija daqstant importanti:-

**Jekk il-minuri *Omissis* gidbet fuq l-imputat li wara diversi granet xlietu li rrejpjaha u wara biddlet il-verzjoni taghha li dak kollu li gara bil-kunsens taghha, ma setax dak li qalet li gara bil-kunsens taghha seta' ma kien veru assolutament xejn?**

Minn hawn isegwi l-fatt illi skont l-Ispettur Busuttil, l-imputat infurmah li l-imputat kien jaf li kienu bil-care order (a fol 55). L-Ispettur kompla billi xehed x'qallu haddiehor dwar l-isem tal-imputat li jismu Joseph ghalkemm qal li lilu (lill-Ispettur) qalulu direttament ukoll fl-istqarrija. L-ispettur xehed li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

*Omissis* xehdet li hija qaltlu sabiex jinza' l-qalziet lill-imputat (a fol 85) u ghaldaqstant kienet hija stess li tat bidu ghal dawn l-attivitajiet sesswali skont hi.

*Omissis* fix-xhieda taghha qalet li ma kinitx certa jekk l-imputat jafx kemm kellha zmien u qalet li **<u>suppost f'Ottubru</u>** qaltlu kemm kellha zmien. Jidher ukoll li t-top pink ma deher imkien u lanqas saru testijiet tad-DNA fuqu jew fuq ix-shorts li kienet liebsa sabiex jigu vverifikata l-verzjoni li qalet *Omissis*.

Dr Maria Callus M.D. xehdet fil-25 t'Ottubru, 2016 (a fol 148 et seq.) li fis-17 t'April 2016 giet omm *Omissis* ma' bintha *Omissis* l-Floriana Health Centre u li t-tifla *Omissis* kienet giet irrejpjata xi tliet (3) gimghat qabel. Ghalhekk tliet gimghat qabel jigi x-xahar ta' Marzu 2016 u ghalhekk data differenti minn tal-imputazzjoni u dan ghaliex id-data tal-ewwel imputazzjoni hija ***"U nakkuzawh talli; Nhar it-3 t'April, 2016 gewwa dawn il-Gzejjer fil-Furjana……".*** Ghalhekk il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'imputazzjoni b'data specifika li hija t-3 t'April, u hawn mix-xhieda ta' Dr Callus Maria, il-prosekuzzjoni diga' ddipartiet minn element essenzjali fid-data tal-imputazzjoni principali cioe' tal-ewwel imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' imputazzjoni</u>**. Il-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Artikolu 2 jiddefenixxi "tifel jew zaghzugh" tfisser "persuna li tkun **<u>that</u>** l-eta' ta' sittax-il sena". Ghalhekk, ghar-rigward tal-ksur tal-Artikolu 12 (2) tal-istess Kapitolu 285 rigwardanti *Omissis* ma tistax tregi din l-imputazzjoni ghall-fatt illi *Omissis* mhix persuna **<u>that l-eta' ta' sittax-il sena</u>**, imma kienet persuna **<u>'l fuq minn sittax (16) -il sena</u>**.

*Omissis* xehdet li kienu (fil-plural mhux kont) il-Hamrun sakemm kienu mal-imputat (a fol 93). *Omissis* telqet minn Jean Antide Home ma' *Omissis* u ghamlu gimgha shiha mahrubin minn Jean Antide Home u l-gimgha ta' qabel kienet mahruba wkoll ma' *Omissis* u *Omissis* (a fol 104). *Omissis* spjegat lill-Qorti l-modus operandi kif harbet mill-Home (a fol 105). Huma hargu ghal outing normali u ma dahlux lura fil-hamsa u *Omissis* kienet diga' l-outing taghha barra. Minn hawn isegwi illi t-tliet minorenni kienu diga' mahrubin minn qabel ma ltqaghu mal-imputat Neil Zammit. Huwa fatt maghruf li t-tliet tfajliet kienu mdorrijin jaharbu mill-home. *Omissis* kompliet tghid li xhin spicca l-hin tal-outing, huma ddecidew li jidhlux lura l-home (a fol 105). Fuq mistoqsija specifika tad-difiza ta' min ghenhom biex jaharbu u jekk hux Neil ghenhom biex jaharbu, *Omissis* wiegbet ***"le ahna ridna, bdejna inzommu l-gate"*** (a fol 118). Imbaghad hija kompliet li regghu dahlu l-home u zammew il-gate biex ma

tinghalaqx u regghu harbu. *Omissis* kompliet li huma ma ftehmhux sabiex Neil Zammit jahbihom x'imkien u dan huma kienu sejrin ghand il-kugina taghhom sabiex jorqdu.

Ghalhekk, l-affari kienet diga' miftiehma bejniethom it-tliet tfajliet minn qabel l-incident tal-lights, kif u meta ghandhom jaharbu wahedhom u fejn ghandhom jorqdu u ghalhekk l-imputat assolutament ma ghandux x'jaqsam mal-harba tat-tfajliet. **Se mai kellha tigi akkuzata b'dan ir-reat terza persuna ohra u mhux l-imputat.** Ghaldaqstant l-imputazzjoni numru tlieta that l-Artikolu 12 (2) tal-Kap 285 tal-Ligijiet ta' Malta ma tergix u ghaldaqstant l-imputat ghandu ma jinstabx hati taghha.

**<u>It-Tieni Aggravju. Il-Piena Erogata</u>**

**Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn huwa gie kkundannat sentejn (2) prigunerija u skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.**

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena applikata ghandha tinbidel ghal wahda iktar idonea u li tapplika ghal kaz in ezami. Dan ghaliex illum il-gurnata, l-imputat ghandu tarbija ta' gimaghtejn mas-siehba tieghu. Il-piena **ta' prigunerija ghal sentejn (2) prigunerija effettiva** se tkun ta' rovina totali kemm ghall-imputat innifsu u kemm ghall-persuni dipendenti finanzjarjament minnu; li huma s-siehba tieghu u t-tarbija gdida li giet fid-dinja.

L-imputat illum ghandu xoghol stabbli hafna u qed jahdem fl-industrija tax-xoghol f'aluminium mal-kumpanija ta' Andrew Vassallo Limited li tinsab il-Gudja, Malta. Illum il-gurnata, l-imputat ghandu paga fissa u stabbli. Izjed minn hekk, **l-iskwalifika milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza** mhix se tghin lill-imputat sabiex ikompli fil-hidma tieghu tax-xoghol il-Gudja. L-imputat ghandu bzonn li jkollu l-licenzja tas-sewqan u dan ghaliex irid imur ghax-xoghol b'xi vettura ghax kif inghad irid jaqla' l-ghixien tieghu.

Ghaldaqstant, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, din il-piena ta' sentejn prigunerija effettivi u l-iskwalifika milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern ghar-ragunijiet imsemmija. Illi skont ix-xhieda tal-Probation Officer Marilyn Formosa tas-27 ta' Gunju, 2017 (a fol 219), l-imputat kellu hajja difficli hafna u ma tantx kellu ma' min jaqsam il-problemi tieghu u jitkellem fuqhom. Illi kien issuggerit lill-imputat skont Ms Formosa li huwa jkollu sessjonijiet mal-Psikologa Dr Chantal Avellino. Fil-fatt Dr Chantal Avellino kitbet lil Marilyn Formosa fl-ewwel t'Ottubru, 2018 u Neil Zammit, fl-ewwel sessjoni tieghu fid-9 ta' Gunju, 2017 kien jidher anzjuz hafna u dan minhabba l-fatt li huwa seta' jkun karcerat.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qorti sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003),** il-Qorti qalet illi:

"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi reformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu

Rat l-atti tal-kawz kif jirriultaw mill-process.

Semghet lill-partjiet jittrataw il-kawza fl-ahhar seduta u talbu lil din l-Qorti tghadi ghas-sentenza finali taghha.

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) il-minuri *Omissis* flimkien ma' ommha kienu marru l-*Floriana Health Centre* wara li l-minuri lmentat dwar hakk u allegat li kienet giet stuprata mill-appellant. Kien hemm diskrepanzi bejn dak li l-minuri kienet qalet lis-Surgent tad-Distrett ghal li kienet qalet fl-ufficcju tal-Vice Squad fejn dak deskritt kien wiehed konsenwali u mhux kaz ta' stupru. Skont l-

imputazzjoni din l-attivita sesswali sehhet fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016);

2. Jirrizulta ukoll li fil-lejl ta' bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) kien hemm rapport dwar ghejbien ta' tlett tfajliet li kienu jirrisjedu f'Jean Antide Home u cioe' *Omissis*, *Omissis* u *Omissis* li kienu soggetti ghal Ordni ta' Harsien;

3. Il-Pulizija kienu pruvaw iwaqfu lill-appellant waqt li kien qieghed isuq stante li irrizultalhom li fil-vettura kien hemm dawn it-tlett (3) tfajliet izda l-appellant saq minn fuq il-post, u huwa allegat li dan sehh b'mod perikoluz. Huwa allegat ukoll li meta giet ikkuntatjat l-appellant biex imur l-Ghassa huwa innega li kien jismu Neil u li ma obdiex l-ordni tal-Pulizija biex imur l-Ghassa.

4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata qieset li:

'*Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 204C(1) u 388(ee), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda mhux tal-addebitu tar-recidiva ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.*'

Illi ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti erronjament indikat l-artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minflokk l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dan in-nuqqas iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*' (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. John Sultana</u>**'[1] intqal li:

*'L-Artikolu 382 tal- Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r- reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal- Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl- imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali...'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'</u>**[2] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'</u>**[3] gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2001 (Appell Numru 14/2001)
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)

*(B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[4] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ghalhekk l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-Qorti fis-sentenza ssemmi l-fatti li l-akkuzat ikun instab hati taghhom, tindika l-artikoli li jikkontemplaw ir-reat kif ukoll il-piena. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-fatt li l-Ewwel Qorti erronjament indikat l-artikolu 388(ee) minflokk l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala nuqqas ta' formalita' sostanzjali u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid fil-mertu bl-aggravji tal-appellant jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkunsidrat;

Illi stante li l-appellant fis-sezzjoni indikata bhala 'B' fl-appell tieghu jaghmel sottomissjonijiet dwar l-inamissibilita tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat, din il-Qorti sejra tibda billi tqis dan l-aggravju bhala difiza tieghu dwar l-akkuzai kif moghtija mill-prosekuzzjoni peress li decizjoni dwar iz-zamma o meno tal-istqarrija fl-atti tinpingi direttament fuq il-provi li sejrin jigu kkunsidrati minn din il-Qorti.

Jirrizulta li l-appellant kien irrilaxxa stqarrija fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Din l-istqarrija immarkata bhala Dok JB6 u li tinsab a fol 28 et sequitur tikkontjeni s-segwenti twissija u cioe' li:

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005

*'M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Inti ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjoni, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb' wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju unti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali til-konfront tieghek, il--Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il-process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatti li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevvoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 segha kif stipulat fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.'*

Fl-istess stqarrija l-appellant gie mistoqsi:

*'M. Tikkonferma li ghadek kemm inghatajt id dritt ta l-avukat u int irrifjutajt u iffirmajt karta rigward dan?*

*T. Ijja.*

*M. Int tikkonferma li inghatajt karta bid-drittijiet u li din giet spjegata lilek?*

*T. Iva.*

*M. Tikkonferma li inghatajt id-dritt tas-silenzju u li dak li ser thi ser jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova?*

*T. Iva.'*

Ghalkemm ma tirrizultax firma tal-akkuzat fuq din l-istqarrija, fl-ahhar tal-istqarrija hemm imnizzel:

*'Din l-istqarrija ghamiltha jien minn jeddhi minghajr theddid, weghdi jew favuri jew forma ta' vantaggi jew promessi u wara li giet moqrija lili minn l-ispettur stess jiena nista nghid li hija korretta u il-verita u naghzel li niffirma.'*

A fol 34 u mmarkata bhala Dok JB7 hemm dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat fejn hemm imnizzel li '*Wara li gejt il kwartieri generali tal-Pulizija illum, il-16 ta' Mejju 2016, jiena Neil Zammit detentur tal-karta ta' l-identita 347297M, niddikjara li nfurmajt lill-Surgent Lydon Zammit, li ghalkemm na li ghandi d-dritt ghal parir legali, jekk jien nitlob dan, mill-iktar fis possibli u li nista nitkellem privatament ma l-avukat ta' fiduca tiehgi jew mal-prokuratur legali ta' fiducja tieghi u dan jew permezz tat-telefon jew inkella wicc imb' wicc ghal-hin massimu ta' siegha qabel nigi nterrogat mill-Pulizija. Hawn, jiena qed niddikjara, li ghalkemm fhimt sewwa dawn id-drittijiet tieghi wara li gew spjegati lili sewwa, jien qed nirrinunzja ghad-dirr legali li nikkonsulta ma' avukat jew ma prokuratur legali ta fiducja tieghi.*' Din id-dikjarazzjoni hija anke ffirmata mill-akkuzat. Ghalkemm din id-dikjarazzjoni hija ffirmata minn PS 153 Lydon Zammit u Wpc. 308 Kim Camilleri dawn baqghu ma xehdux quddiem l-Ewwel Qorti. In oltre' ghalkemm WPS 33 Ben Valletta xehdet[5] quddiem l-Ewwel Qorti, ix-xhud ma xehditx dwar din id-dikjarazzjoni.

L-Ispettur John Spiteri xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li '*Dakinhar stess kienet ittiehdet, kien inghata d-drittijiet tieghu, kien inghata t-twissija ukoll, kien gie infurmat li ghandu dritt li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jsir l-interrogatorju fejn huwa kien irrinunzja li jezercita dan id-dritt. U a fol 34 tal-process le ma kontx prezenti waqt li kien iffirma d-dikjarazzjoni pero' a fol, minn fol 28 sa fol 33 naghraf li din hija l-iStqarrija rilaxxata Neil Zammit fl-ufficju tal-iSpettur Busuttil u fil-prezenza tieghi. Naghraf il-firma tieghi, tal-iSpettur Busuttil fejn propju Neil Zammit ma kienx iffirma din l-iStqarrija.*'

L-Ispettur Joseph Busuttil xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li '*naghraf il-firma tieghi u ta' John Spiteri fuq l-iStqarrija li kien irrilaxxa fl-ufficju tieghi stess, qeghda a fol 28 sa fol 33. L-Imputat kien ikkopera maghna u mbaghad kien ghazel li ma jiffirmax l-iStqarrija. Kien inghata s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat ta' fiducja tieghu fejn hu kien iffirma l-waiver u qal li ma jridx jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tiehu qabel bdejna l-iStqarrija. Fil-fatt hemm xhud ta' dan PS 153, WPS 33 u WPC 308 u l-firma ta' Neil Zammit ukoll. Din ir-*

[5] A fol 176 indikata bhala WPS 33 Bernardette Valletta

*rifjut tinsab a fol 34.308 u l-firma ta' Neil Zammit ukoll. Din ir-ridjut tinsab a fol 34.'*

Ikkunsidrat;

Illi kien hemm zvillup sinifikanti fil-gurisprudenza ta' Malta dwar id-dritt tal-assistenza ta' Avukat matul l-investigazzjonijiet, liema gurisprudenza kienet u ghada f'xi waqtiet konfliggenti. Decizjoni li kellha impatt sinifikanti fuq il-gurisprudenza ta' Malta hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg v. Malta'**[6]. F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost numru ta' kunsiderazzjnijiet, kienet ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

[6] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Applikazzjoni numru: 37537/13)

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali**

**Kummissarju tal-Pulizija'**[7], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.* ***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44).*

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[8], ***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq****:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait*

[8] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG))

*qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.** F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-*

*restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.*'

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw minn din is-sentenza u l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha[9], fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, qieset li:

'*35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-*

[9] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali*'

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, irrevokat is-sentenza appellata u minflok, laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u ordnat, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella**'[10] gie kkunsidrat li:

'*Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

[10] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**uzu ta` l-istqarrija** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant***

***jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*** '

L-istess Qorti[11] kkunsidrat li:

'*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.***'

Il-Qorti Kostituzzjonali[12] ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ikkunsidrat li:

*'Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[13], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konkluzjoni. Ifisser biss li l-każ tal- prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jingieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Illi ricentement kien hemm zvilupp sostanzjali fid-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'rizultat ta' dan kien hemm anke tibdil fid-decizjonijiet moghtija mill-Qrati Maltin. Fis-sentenza moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Bueze vs Belgium'**[14] gie emfassizat li l-fatti u l-proceduri iridu jigu evalwati fl-intier taghhom sabiex jigi determinat jekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Gie kkunsidrat li:

*'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural*

---

[12] Fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)

[13] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

[14] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

'*193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance*

*as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various above-mentioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Ghalhekk skont din is-sentenza, ir-restrizzjoni ghal access ta' Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq izda li l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proceduri sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni o meno. Fil-joint concurring opinion tal-Imhalfin Yudkivska, Vučinić, Turković and Hüseynov ghas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[15] dawn l-Imhallfin fost affarijiet ohra, ikkunsidraw li:

'*22. In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in individual cases. It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.*

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by*

[15] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Maximilian Ciantar'**[16] wara li ghamlet referenza ghal din is-sentenza u cioe' dik fl-ismijiet **'Philippe Bueze vs Belgium'**[17] qieset:

*'Illi ghalkemm illum kif inghad il-ligi regghet giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal- pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal- interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dan il-pronunzjament kull kaz irid jitqies ghalih u cioe' allura billi jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.*

*Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar, 2019 (Appell Numru: 514/2017)
[17] Deciza mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru, 2018 (Numru: 71409/10)

*tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il- proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':*

*1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*

*2. the overall fairness of the proceedings.*

*Jinghad biss f'dan il-kaz illi l-appellant kien abbilment assistit tul dawn il-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu. Fl-ebda mument tul il-proceduri ma jqanqal il- kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija minnu rilaxxjata biex b'hekk il-Qorti ghandha quddiemha prova li qatt ma giet ikkontestata. Illi maghdud dan madanakollu l-Qorti tosserva li l-appellant kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma gie interrogat. F'dak iz-zmien huwa kellu sitta u ghoxrin sena u diga` kellu irregistrati kontra tieghu hdax-il kundanna biex b'hekk ma jistax jitqies li kien bniedem vulnerabbli. L-appellant qatt ma jikkontendi illi hu jew l-avukat tieghu ma gewx mgharrfa mill-pulizija dwar in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu jew tal-provi li l-pulizija kellhom f'idejhom. Fuq kollox dak mistqarr mill- appellant fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa biss korroborazzjoni ta' dak li jikkontendu l-vittmi billi dawn kienu x-xhieda ewlenija f'dan il-kaz meta jistqarru li gharfu lill-appellant bhala wiehed mill-hallelin.*

*Illi finalment ghalkemm il-ligi f'dak iz-zmien ma kenitx tippermetti lill-avukat li jkun prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, madanakollu ghandu jinghad illi l-ligi kif inhi illum ma tantx toffri dik l-assistenza effettiva bil-fatt illi l-avukat ikun prezenti mal- persuna suspettata waqt li din tkun qed tigi interrogata bil-proviso ghall-artikolu 355AUA (8)(c) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:*

***"Id-dritt tal-avukat li jippartecipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew***

***reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet."***

*Fil-fatt minn qari tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja dwar id-Dritt tal-assistenza legali, ghalkemm din giet tramandata kwazi kelma b'kelma fil-ligi taghna, madanakollu dana l-proviso ma jirriaffigura imkien fl-artikolu 3 tad-Direttiva, li gie trasportat fl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.*

*Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li strahet fuq ix- xiehda tal-vittmi f'dan il-kaz abbinata mal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant u dan sabiex sejset is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali'**[18] il-Qorti Kostituzzjonali ukoll ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **'BEUZE VS Belgium'**[19] u ghaddiet biex tikkunsidra li:

*'18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-inter-pretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapo- volġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew*

[18] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 64/2014 JRM)
[19] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġuris- prudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil- liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.'*

Fl-istess sentenza, il-Qorti qieset li kien hemm raguni tajba li l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni u dan sabiex issir *controlled delivery* lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga. Ikkunsidrat li:

*'23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. Tassew illi issa l-attur qiegħed igħid illi kien xurban u fis-sakra meta għamel l-istqarrija, iżda x-xiehda turi mod ieħor. Li tassew kien hekk ma kienx sejjer joħroġ b'din l-istorja għall-ewwel darba fil-proċeduri tallum, tmien snin wara li saret l-istqarrija. Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.'*

Il-Qorti kkonfermat li ma kien hemm ebda ksur tal-jedd tal-attur ghal smigh xieraq.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'**[20] iddeciediet ir-referenza Kostituzzjonali billi iddikjarat li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Il-Qorti ikkunsidrat li:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal- istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id- dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l- assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad- dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konkluzjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti*

[20] Deciza fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

*Ewropea qalet hekk:*

*"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l- istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u cioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jingieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ- ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l- istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l- istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità tal- prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill- Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in*

*flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Stephen Pirotta v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija'**[21] fejn il-Qorti wara li qieset gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fis-sezzjoni Maghquda, ikkunsidrat li:

'*Effettivament, dan ifisser illi – kontra dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq – il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex bizzejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*'

Il-Qorti qieset li l-attur ma garrab ebda ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ikkunsidrat li:

'*Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konkluzjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal- provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il- qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu.*'

[21] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 13/2016 JRM)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**[22] li llum il-gurnata u cioe' fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) giet ikkunsidrata bhala finali, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li:

*'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the*

[22] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Gunju, 2019 u reza finali fis-7 ta' Ottubru, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)

*existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:

'*118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position*

*(see, for example, Schmid-Laffer v.Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*

*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Din il-Qorti sejra ukoll taghmel referenza ghall-*joint dissenting opinion* tal-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidraw li:

'*10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre- trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on*

*the defence strategy to be followed.*

*11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"*[23]*.*

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"*[24]*.*

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).*

*15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so*

---

[23] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[24] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

*desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny*[25]*. Otherwise, what is the point of having two stages!?'*

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-gurisprudenza sucitata, kien hemm zvillup sinifikanti fl-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq tant li in segwitu tas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze vs Belgium'**[26], dan l-izvillup gie anke rifless f'uhud mis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Is-sentenzi fl-ismijiet **'Beuze vs Belgium'** [27]u '**Farrugia vs Malta'** [28] jemfasizzaw il-fatt li irid jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq.

Din il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq u dan stante li ma hijiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex tqis dan, izda sejra tiddeciedi jekk l-istqarrija rilaxxata mill-appellant tenut kont tal-fatt li ttiehdet meta l-ligi ma kinitx taghti l-jedd li suspettat ikollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, ghandhiex valur probatorju u cioe' hijiex ammissibbli.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Graziella Attard v. Avukat Ġenerali'**[29] fejn ghalkemm il-kawza ma kinitx titratta biss stqarrija rilaxxata minghajr l-assistenza legali izda anke

[25] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[26] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)
[27] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)
[28] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Gunju, 2019 u reza finali fis-7 ta' Ottubru, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)
[29] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors mahluf numru: 83/2016 LSO)

minghajr l-opportunita' li tikkomunika ma' Avukat tal-fiducja taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qieset li:

*'10. Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il- qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali*[30]*, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil- produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*11. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għand- hiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha.'*

L-istess Qorti qieset li:

*'18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal- integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l- proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, u għal din ir-raġuni tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju.'*

Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta*' *Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi*

[30] Rik. kost. 74/2014. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata.)

*proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' fil-Ligi ta' Malta li sehhet ftit wara li l-akkuzat odjern irrilaxxa l-istqarrija tieghu, permezz tal-Att numru LI tal-2016 fejn sussegwentement dan l-Att dahal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401 tal-2016 fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Filwaqt li permezz tal-Avviz Legali 102 tal-2017 fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) dahlu fis-sehh ir-regolamenti dwar il-Procedura waqt l-Interrogazzjoni ta' Persuni Suspettati u Persuni Akkuzati (Legislazjoni Sussidjarja 9.24). Permezz ta' dawn l-emendi fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali kien jinkludi.

L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrapprezentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' għbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

> *(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*
>
> *(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Prezentament, is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

*'(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(ċ)* ***<u>il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):</u>***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-*

*interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Stante li jirrizulta li l-akkuzat kienet irrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, din il-Qorti sejra taghmel ukoll referenza ghall-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja li llum jaqra:

'*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma Spettur Spiridione Zammit Vs Claire Farrugia'**[31] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l- interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.'*

Ghalhekk din il-Qorti temfasizza li l-fatt li suspettat kien irrinunzja ghal jedd li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, ma jfissirx li dan jammonta ghar-rinunzja tacita tad-dritt li jkollu Avukat prezenti matul l-investigazzjoni inkluz matul it-tehid tal-istqarrija. La darba l-akkuzat ma kellux l-opportunita' li jaghzel jekk jaghmilx uzu minn dan il-jedd u cioe' li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, il-fatt li kien irrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija ma jfissirx li li kieku inghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti huwa kien se

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)

jirrifjuta dan id-dritt.

Din il-Qorti ghalhekk tqis illi gialadarba l-appellant ma kellux il-jedd li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija u ghalkemm is-sentenzi tal-Qrati Ewropej tad-Dritttijiet tal-Bniedem qeghdin iharsu lejn l-*overall fairness tal-proceduri*, din il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatt li ma jistax jinghad li hemm uniformita' fit-tehid ta' dawn id-decizjonijiet u anke tenut kont tad-dissenting u concurring opinions li din il-Qorti ghamlet referenza ghalihom u minghajr ma tikkunsidra jekk il-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat tilledix il-jedd tad-dritt xieraq, sejra tqis l-istqarrija rilaxxat mill-akkuzat fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) immarkata bhala Dok JB6 a fol 28 et sequitur bhala inammissibli u konsegwentement kwalunkwe referenza fl-atti ghal dak li l-appellant iddikjara f'din l-istqarrija u dikjarat mill-akkuzat matul l-investigazzjoni minghajr prezenza ta' Avukat u ghalhekk inkluz partijiet ta' xhieda li xehdu dwar il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat huma wkoll inammissibli. Din il-Qorti izda ma taqbilx mal-akkuzat li x-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil u l-Ispettur John Spiteri ghandha tigi sfilzata mill-process izda huma biss il-partijiet tax-xhieda li jaghmlu referenza ghal konenut tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat li hija inammissibli.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti ukoll li x-xhieda tal-Ispettur John Spiteri hija *hearsay evidence* u ciooe' *detto del detto* ghax spjega lil Qorti x'qalulu pulizija ohra. Filwaqt li l-appellant jissottometti ukoll li parti sostazjali tax-xhieda li ta' l-Ispettur Joseph busittil hija *hearsay evidence* u ghalhekk mhux ammissibli u ghandha tigi sfilzata. Din il-Qorti tikkunsidra li l-Ispettur John Spiteri u l-Ispettur Joseph Busuttil f'dawn il-proceduri ghandhom l-irwol ta' ufficjali prosekuturi u ghalhekk xehdu dwar dak li wassal ghal dawn il-proceduri. Naturalment kwalunkwe haga li giet a konjizzjoni taghhom tramite persuni ohra kellha tigi kkonfermata minn dawn il-persuni l-ohra. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis ix-xhieda taghhom bhala inammissibli izda tissottolinea li sejra tistrieh fuq dak li xhieda xehdu dwar dak li raw b'ghajnejhom u mhux dwar dak li qalilhom haddiehor. L-appellant jaghmel ukoll sottomissjonijiet

dwar provi indizzjarji u cioe' circumstantial evidence.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel apprezzament tal-provi dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellant. L-ewwel imputazzjoni taqra li:

*'Nhar it-3 ta' April 2016 gewwa dawn il-Gzejjer fil-Furjana, ippartecipajt f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' Omissis minuri ta' 14-il sena ID: 290801L.'*

Fil-Current Incident Report li jinsab a fol 15 et sequitur u mmarkat bhala Dok JB3 datat is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) gie imnizzel li

*'Today at about 2200 Dr. Maria Callus Med Reg 3343 from the Floriana Health Centre reported to the Valletta Police that she has just examed a certain Omissis (Aged 14) who stated that about two weeks ago she had been raped by a certain Neil Zammit.*

*The police namely Ps 1192 M. Wyson spoke to the victim in the presence of both parents were she stated that she had met Neil Zammit and he asked her to join him in the car, she accepted and they drove to Floriana were he parked the car near the public transport car wash. they went in the back seat and started to kiss and remove her cloths. victim stated that he wanted to have sexual intercourse with her and she refused.*

*he then started to force her and ripped of her tights and eventually managed to penetrate her she told that she is hurting and he stated that you will soon no longer feel any pain, he wiped the blood and semen on a jacket and threw it away, after doing so he took her back to where he picked her up and left her there.*

*Victim stated that she was afraid to tell her parents about the incident and only after hearing her friends calling her a bitch, that she made up the courage to tell her parents. Were from their end took her to the health centre...'*

F'dan ir-rapport hemm imnizzel li '*note from Dr. Maria Callus 3343 is being attached to this report*.' Izda ma tirrizulta l-ebda nota annessa ma' dan ir-rapport.

L-Ispettur John Spiteri fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*F'dan il-kaz il-vittma qed tallega li gara nhar it-3 t'April*

*tat-2016 u l-Pulizija bdiet propju minn hemmhekk tinvestiga l-kaz dwar allegat stupru. X'hin giet mitkellem fl-ufficju tieghi propju minni u mis-Surgent Bernardette Valletta irrizulta li kien hemm xi ftit diskrepanza fil-verzjoni tal-fatti fejn minhabba li qabel bdiet tghid li kienet waqfet il-kunsens taghha l-attivitajiet sesswali propju wara kienet spjegat li hi riedet li dawn l-ativitajiet sesswali jsehhu.'* Xehed li '*Meta giet mitkellma l-vittma hi bdiet tispjega li kienet ilha tibghat xi messaggi fuq il-facebook lil Neil Zammit li qieghed naghraf hawnhekk prezenti fl-Awla ghal diversi gimghat fejn propju gewwa l-Belt, bdew jitkellmu, bdew jesprimi x-xewqat taghhom li jippartecipaw f'dawn l-attivitajiet sesswali fejn Neil Zammit kienet stieden lil Omissis biex tmur fil-karozza tieghu u jsuqu lejn x' imkien fl-imwarrab fejn dan propju seta jsehh. Infatti hi kienet spjegat li dan kollu kien gara, kien saq il-vettura tieghu mill-Belt sal-Furjana u propju fil-Furjana i kienet marret fuq wara tal-vettura u wara diversi attivitajiet sesswali l-istess Neil Zammit kien ippenetra lil vittma ukoll. Hija kienet spjegatli li dan kollu hi xtaqitu pero' kien hemm mument fejn hi bdiet twegga' u kienet qaltlu biex jieqaf fejn fil-fatt hu kien waqaf, u l-vittma kienet spjegat li dan kien kompla, qallha biex tkompli timmasturbah kif fil-fatt hekk gara.*'

A fol 48 u mmarkat bhala JS2 giet ipprezentata 'MATER DEI HOSPITAL CONTINUATION SHEET' dwar *Omissis* fejn fid-data tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) hemm imnizzel deskrizzjoni tal-alegat stupru u fejn hemm imnizla d-data '(03/04/2016)' fejn fost informazzjoni ohra tnizzel li '*She had non consensual penetrative intercourse..*'

Meta xehdet il-minuri *Omissis* bil-video conferencing fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) hija qalet li ghandha erbatax-il sena. Qalet li hasset hafna hakk wara gimghatejn li '*ghamilt aw ma' Ninu*' li kienu marru flimkien fil-karozza, tghid li kienet iltaqghet l-ahhar gurnata tal-Easter holidays ta' din is-sena u cioe' tas-sena elfejn u sittax (2016). Tghid li marru f'parking area bil-karozza ta' Neil u qaltlu biex inehhi l-qalziet u li '*mbaghad jien nehhejt it-top u l-qalziet, kollox*' u li '*ghamilniha*' jigifieri li kellhom x'jaqsmu flimkien. Il-parking area qieghed il-Belt qisu parking area fejn tal-linja. Xehdet li mbaghad waqfu u qaltlu biex iwassalha lura fejn l-ohrajn fejn Francesca. Ma kienx jaf fejn tmur skola, ma kienux jitkellmu dwar hekk izda kien jaf isimha u kunjomha u kemm ghandha zmien. Mistoqsja jekk iva jew le

wiegbet li suppost iva, tghid li '*f'Ottubru ghidtlu kemm ghandi zmien imbaghad ma qaghdtx noqghod nghidlu fuq chat u hekk*'. Wassalha hdejn shaba u ma regghetx iltaqghet mieghu. Mistoqsija ghalfejn riditu jinza l-qalziet wiegbet li 'E*he biex naghmlu.*' Hija gharfet lil imputat bhala Neil li ghamlet referenza ghalih. In kontro ezami kkonfermat li kienet tidher l-istess meta ltaqghet ma' Neil, jigifieri kemm bhala tul u figura. Xehdet li kienu '*fingering*' u li '*mhux kollu dahlu*' ghax qaltlu li ahjar jieqaf ghax qed twegga u waqaf. Kienet qaltlu kemm kellha zmien meta ltaqghu l-ewwel darba Birzebbuga fejn kien hemm shabu u shabha.

Meta xehdet Dr Maria Callus fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) giet l-omm mal-bint li jisimha *Omissis*. Kienu gew il-*Floriana Health Centre* u li l-omm qalet li t-tifla kienet irrepjata xi tlett (3) gimghat qabel. It-tifla kellha erbatax (14)-il sena. Spjegat li '*kellimt lit-tifla li kkonfermat li dan kien il-kaz. Staqsejtha xi mistoqsijiet u ovvjament infurmajt lill-pulizija. Hemm il-pulizija ovvjament inzertaw kienu fuq il-post Floriana Health Centre, kellmu lit-tfajla, infurmaw lill-Magistrat u t-tifla rreferejtha l-isptar Mater Dei ghal aktar ezaminazzjoni min-naha tal-gynaecologist.*' Spjegat li l-omm kienet ecitata hafna u t-tifla daqsxejn imbezza. Kienet imbezza fuq xi infezzjonijiet li setghet hadet u mbezza' ovvjament kien hemm l-omm ukoll. Tghid li ma rrilaxxatx certifikat.

WPC 9 Abigail Pomroy li xehdet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) qalet li '*nhar is-sbatax (17) ta' April ta' din is-sena waqt li konna qeghdin night watch gejna infurmati mis-Surgent 1192 tal-Ghassa l-Belt li kien ghadhom kemm dahlilhom rapport mill-Polyclinic tal-Furjana li kien hemm tfajla ta' erbatax (14)-il sena li qed tallega li kienet giet irrepjata. Hemm, ghaldaqstant ahna morna nassistuhom gewwa l-Polyclinic tal-Furjana u wara li giet mitkellma mit-tabiba t'hemmhekk skortana lil din it-tfajla Omissis gewwa l-isptar Mater Dei fejn minhemmhek imbaghad giet invistata mill-gynae gewwa l-Obstetric Wards 2. Hemm, din it-tfajla meta ahna konna qed inkellmuha bdiet tghidilna illi l-att sar go karozza x'imkien hdejn tat-testijiet tal-karozzi gewwa l-Belt u ma' min kienet kien jismu Neil Zammit.*'

WPS 33 Bernardette Valletta xehdet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) li '*Fis-sbatax (17) ta' April elfejn u sittax (2016) ghall-habta tal-ghaxra (10:00) l-Ghassa tal-Belt giet infurmata minn Dr Maria Callus Medical Registration Number 3343 mill-Poliklinika tal-Furjana fejn infuramthom li kienet ghadha kemm giet, invistat certu Omissis ID Number 290801 tfajla ta' erbatax (14)-il sena fejn din kienet stqarret li kienet ghadha kemm giet irrejpjata minn certu Neil Zammit. Il-pulizija tad-Distrett marru l-Poliklinika tal-Furjana fejn PS 1192 M. Wyson kien tkellem mal-vittma fil-prezenza tal-genituri taghha fejn din kienet stqarret illi kienet iltaqghat ma' Neil Zammit il-Belt fejn hu kien talabha biex tirkeb fil-karozza. Minn hemmhekk kienu saqu ghall-Furjana. Kienu pparkjaw il-karozza.*' Spjegat li '*Marru fuq is-seat ta' wara u bdew jitbewwsu. Eh, Omissis ziedet tghid li hi kienet nehhiet xi hwejjeg u li Neil xtaq li jkollhom attivita' sesswali bejniethom izda hi ma riditx. Stqarret ukoll li hu kien sfurzaha, kien qattalha t-tights.*' Mistoqsija '*Dan intqal lis-Surgent l-iehor le?*' wiegbet '*Imma rrid nasal ghal xi hag'ohra.*' Tghid li '*fejn hu kien ippentraha*'. Spjegat li '*mela fit-tmintax (18) ta' April elfejn u sittax (2016) hi giet fl-ufficini taghna fejn gie mitkellma fil-prezenza tal-omm fejn meta regghet giet mitluba biex taghti l-verzjoni taghha gie nnutat illi kien hemm diskrepanzi bejn dak li kienet qalet lis-Surgent tad-Distrett ghal li kienet qalet fl-ufficcju tal-Vice Squad. Peress li kien hemm dawn id-diskrepanzi fil-verzjoni taghha giet moghtija ftit jiem biex terga' tahseb sew fuq dak li gara, biex tahseb sew fuq dak li gara. Hemm il-genituri taghha stqarrew illi ma xtaqux li jittiehdu passi fil-konfront ta' Neil Zammit ghall-fatt li bdew jibzghu illi kienu se jipperikolaw il-hajja ta' tifla izghar minn Omissis. Imma gie spjegat lilhom li peress li certu reati kienu ex ufficio r-rapport ma setghax jigi mwaqqa*'. Spjegat li fl-ghoxrin (20) ta' April elfejn u sittax (2016) il-pulizija tal-Vice Squad irceviet *waiver* bil-miktub '*minghand il-genituri ta' Omissis, Omissis u Omissis fejn huma regghu stqarrew bil-miktub ili ma jridux li jittiehdu passi fil-konfront ta' Neil Zammit ghal li kien gara mal-minuri u dan fl-aqwa interess ta' binthom. Omissis regghet giet mitkellma minnha, mill-Vice Squad fit-tlettax (13) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) u dan ghall-fatt ghax hi ma kinitx prezentat ruhha ghall-appuntament iehor li kienet moghtija minn ghandna fejn regghet giet mitluba taghti l-verzjoni taghha kienu, illi hi kienet iltaqghat ma' Neil saret taf lil Neil minn fuq facebook fejn kienet tkellmu fuq profile tieghu li kien Neil (Ninu) Zammit fejn imbaghad kienu ltaqghu l-Furjana. Minn hemmhekk kienu saqu lejn il-Floriana Park and Ride ghall-area maghrufa*

*bhala l-Foss ta' Crown Works, il-Furjana fejn minn, is-seat ta' quddiem kienu marru fuq is-seat ta' wara, il-minuri kienet nehhiet il-hwejjeg minn jeddha u kienet, u bdew jitbewwsu. Kien hemm anke xi foreplay fejn wara hi kienet imteddet fuq is-seat u Neil kien tela' fuqha u meta gie biex idahhal il-parti genitali tieghu fil-parti privata taghha hi kienet infurmatu li kienet qed tweggha u qaltlu biex jieqaf, fejn hu kien waqaf u regghu marru lura u nizziha minn fejn kien gabarha. L-omm kienet regghet stqarret li ma tixtieqx li jittiehdu passi fil-konfront ta' Neil fejn regghet giet spjegata illi certu reati kienu ex ufficio ghalhekk hi ma setghetx twaqqa' r-rapport. Fis-sittax (16) ta' Mejju elfejn u sittax saret talba hall-Mandat ta' Arrest lill-Magistrat tal-Ghassa Francesco Depasquale fejn min-naha tieghu hareg il-Mandat t'Arrest.'* Hi prezentatat case report dwar dak li xehdet dwaru bhala Dok BV1 li jinsab a fol 180 et sequitur. Fost fatti ohra f'dan il-case report hemm imnizzel is-segwenti:

*'On the 17th April 2016 at 2200hrs the Valletta Divisional police received a report from Dr Maria Callus, Medical Registration no 3343, from Floriana Health Centre that she had just examined Omissis Cassa 290801, a 14 yr old, that stated that she had been raped by a certain Neil Zammit.*

*The divisional police, namely PS1192 M Wyson spoke to the victim in the presence of her parents where same stated that she had met Neil Zammit at Valletta and he had asked her to join him in his car, she accepted and they drove to Floriana, where same parked his vehicle, moved to the back seat and started kissing. Omissis further stated that she removed her clothes and that Neil wanted to have sexual intercourse with her, but she refused. She stated that Neil forced her and ripped her tights off and eventually managed to penetrate her. She told him that it was hurting but he told her that it wouldn't take much longer, and after he wiped the blood and semen on a jacket and thre it away. Omissis stated that after he drove her back from where he picked her up and left here there at.*

*Omissis stated that she was afraid to tell her parents about the incident and only after her friends started calling her bitch, did she inform them and her parents took her to Floriana health centre...'*

Tnizzel ukoll li '*WPC9 and PC101 accompanied the minor from Floriana Helath Centre to*

*Mater Dei Hospital.*

*On the 18/04/2016 minor, Omissis was spoken to at the Vice Squad office, in the presence of her mother, Omissis, where the minor related the version of events, where it transpired that there were some discrepancies from the version that same had given to the district officers.*

*Due to the fact that there where discrepancies in her version of events, both the parents and the minor where spoken to and it was decided that the minor should be given a couple of days to come to terms with what had happened...'*

Fost affarijiet ohra tnizzel ukoll li '*Omissis was spoken to again on the 13/05/2016, due to the fact that a previous appointment was cancelled as same minor didn't present herself at the Vice Squad Offices. What remained constant from her version was that the minor had decided to meet certain Neil Zammit, after chatting with him on facebook, on his profile Neil Ninu Zammit, they met and that he drove his vehicle to a place close to the Floriana Park & Ride, area known as II Foss ta Crown Works in Floriana, and that they moved from the front seat to the rear seat, where same minor took off her clothes on her on free will. The minor further stated that they kissed and that there was foreplay and that then she lied down on the seat and he got on top of her. Omissis further stated that then Neil tried to insert his genital organ inside her but she started hurting and told him to stop, which he did and he took her back to her pick up point.'*

L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal fatt li t-Tabib Dr Maria Callus ezaminat lil *Omissis* li stqarret li madwar gimghatejn ilu kienet giet irrepjapjata minn certu Neil Zammit. L-appellant ghalhekk jistaqsi ghala *Omissis* irraportat gimghatejn wara li sar il-kaz jekk tabilhaqq veru sar fejn din kienet stqarret quddiem it-Tabib li kienet giet irrejpjata. Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-fatt li reat ikun gie rapportat gimghat wara li jkun sehh ma jinpingix fuq il-kredibilita' tal-vittma. Jista' jkun hemm diversi ragunijiet ghala persuna tkun ghazlet li titkellem gimghat wara.

L-appellant jissottometti li t-tights li kienet liebsa *Omissis* u anke l-gakketta imcapsa bis-semen tal-allegat aggressur u bid-demm tal-vittma li intremeiet skont ir-rapport, li ma saritx tfittxija ghal din il-gakketta biex jigi ivevrifikat li tali reati saru. Skont l-

appellant kellu jigi mqabbad espert tal-Qorti biex jigi stabbilit jekk tassew sehhux dawn l-allegazzjonijiet ta' attivitajiet sesswali rape mal-minuri. Din il-Qorti temfasizza li minkejja li l-minuri *Omissis* kienet l-ewwel allegat stupru u sussegwentement bidlet il-verzjoni taghha, l-akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant mhijiex dik ta' stupru izda ta' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u li ma kien hemm bzonn l-ebda espert sabiex jiddetermina jekk dawn l-attivitajiet sesswali sehhewx.

Mill-atti jirrizulta li kien hemm diskrepanzi kbar fil-verzjonijiet moghtija mill-minuri, fejn l-ewwel quddiem ommha kif ukoll quddiem it-tabiba Dr Maria Callus u l-Pulizija tad-Distrett allegat stupru, izda wara quddiem il-Vice Squad spjegat li hija xtaqet li jsiru l-attivitajiet sesswali u meta qalet lill-appellant li kienet qieghda twegga huwa waqaf. Quddiem l-Ewwel Qorti stqarret li kienet hi li nezzet il-qalziet tal-appellant u li hi xtaqet li l-atti jsiru u li meta bdiet twegga u qaltlu biex jieqaf huwa waqaf u wassalha fejn shabha. Ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-minuri quddiem l-Ewwel Qorti hija verament differenti minn dik mistqarra originarjament lit-tabib. Dan izda lanqas ma jfisser li dak li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx minnu.

L-appellant jaghmel referenza ukoll ghal fatt li r-reat huwa ex *officio* u jissottometti li jekk ir-reat huwa wiehed *ex officio* ghax sehh fil-pubbliku jew ghax akkumpanjat ma reat li jaffetwa il-paci pubblika irid jigi specifikat mill-proskeuzzjoni il-post ezatt fejn sehh ir-reat u ghaliex ir-reat huwa wiehed *ex officio*. L-appellant jissottometti li '*Is-Surgent spjegat lill-genituri ta' Omissis illi r-reat huwa ex officio, pero' s-surgent Valletta ma qaletx ghaliex ir-reat huwa ex-officio. Jekk ir-reat li jaffetwa il-paci pubblika irid jigi specifikat mill-prosekuzzjoni il-post fejn sehh ir-reat u ghaliex ir-reat huwa wiehed ex-officio. Il-Pulizija kellha tmur fuq il-ost mall-minuri sabiex jigi determinat il-post ezatt fejn sehhew l-allegat reat.*' Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed iqajjem dan il-punt minhabba li l-genituri tal-minuri ma riedux li l-Pulizija jipprocedu kontra l-appellant izda li l-Pulizija qisu r-reat bhala *ex officio*. L-appellant mhuwiex akkuzat li offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku, biss pero' jirrizulta li r-reat skont dak li jirrizulta mill-atti sehh f'karozza gewwa parkegg

u ghalhekk certament li f'post pubbliku. Ma kienx hemm l-ebda htiega li l-Prosekuzzjoni tittiehed fuq il-post fejn allegatament sehh ir-reat. L-appellant jissottometti ukoll li uhud mix-xhieda xehdu li dan sehh fil-car wash ta' Transport Malta u ohrajn il-park and ride tal-Furjana. L-appellant kien akkuzat li l-attivitajiet sesswali sehhew fil-Furjana, il-minuri *Omissis* fix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-video conferencing tghid li ltaqghu l-Belt il-Furjana u marru f'xi parking area , tghid li ma tafx fejn ezatt izda l-Belt qisu parking area fejn tal-linja. Skont ir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 15 et sequitur u mmarkat bhala Dok JB3 hemm imnizzel li '*they drove to Floriana were he parked the car near the public transport car wash,*' WPC 9 Abigail Pomroy li xehdet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li '*meta ahna konna qed inkellmuha bdiet tghidilna illi l-att sar go karozza x'imkien hdejn tat-testijiet tal-karozzi gewwa l-Belt...*'. WPS 33 Bernardette Valletta fix-xhieda taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li '*PS 1192 M. Wyson kien tkellem mal-vittma fil-prezenza tal-genituri taghha fejn din kienet stqarret illi kienet iltaqghat ma' Neil Zammit il-Belt fejn hu kien talabha biex tirkeb fil-karozza. Minn hemmhekk kienu saqu ghall-Furjana. Kienu pparkjaw il-karozza.*' WPS 33 Bernardette Valletta dwar meta l-minuri tkellmet mill-Vice Squad fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat ukoll li '*kienu ltaqghu l-Furjana. Minn hemmhekk kienu saqu lejn il-Floriana Park and Ride ghall-area maghrufa bhala l-Foss ta' Crown Works, il-Furjana..*' PS 1192 Martin Wyson fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*saqsejtha x'gara u ma garax fejn hi qaltli li xi hmistax qabel kien hemm persuna certu Neil Zammit li ppikjatha l-Belt minn fejn il-Venda tal-karozzi u qallha biex tmur mieghu bil-karozza. Din accettat u marru lejn il-car wash ta' Transport Malta...*' Fil-'MATER DEI HOSPITAL CONTINUATION SHEET' li tinsab a fol 48 u immarkata bhala JS2 hemm imnizzel li '*allegedly was taken by an 18 yr old male in his car to a place in Valletta/ Florana (where car licensing tests are done).*' Minkejja li l-atti f'xi waqtiet bhal kif xehdet il-minuri jsemmu l-Belt bhala l-lok fejn sehh l-incident u xi kultant il-Furjana, ma hemmx dubju li l-akkuzat kien jaf ghal xiex kien qieghed iwiegeb, dan anke tenut kont tal-fatt li mhuwiex facli ghal kull persuna li jiddistingwi bejn jekk post jaqghax gewwa l-Belt jew fil-Furjana.

F'dan il-kaz partikolari, ghalkemm WPS 33 Bernardette Valletta xehdet dwar li l-genituri tal-minuri ma riedux li jipprocedru kontra l-appellant tant li kienu anke baghtu *waiver* bil-miktub, il-genituri ma telghux quddiem l-Ewwel Qorti jikkonfermaw in-nuqqas ta' interess fl-ewwel imputazzjoni u meta xehdet il-minuri hija ma gietx mistoqsija jekk kelliex interess f'dawn il-proceduri izda lanqas ma uriet ix-xewqa li l-proceduri kontra l-appellant jitwaqqghu. Kif gia inghad jirrizulta pruvat li l-allegati attivitajiet sesswali sehhew f'post pubbliku. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tkompli tikkunsidra l-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel referenza ghal fatt li meta xehdet Dr Maria Callus li fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) giet omm *Omissis* ma bintha *Omissis* il-Floriana Health Centre u li t-tifla *Omissis* giet irrejpajtha xi tlett (3) gimghat qabel. L-appellant jissottomettti li tlett (3) gimghat qabel jigi x-xahar ta' Marzu elfejn u sittax (2016) u ghalhekk data differenti minn tal-imputazzjoni fejn fl-ewwel imputazzjoni hemm '*Nhar it-3 t'April, 2016...*' Ghalhekk l-appellant jissottometti il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'imputazzjoni b'data specifika li hija it-tlieta (3) ta' April u li mix-xhieda ta' Dr Callus Maria, il-prosekuzzjoni diga ddipartiet minn element essenzjali fid-data tal-imputazzjoni principali cioe' tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' *Omissis* f'data partikolari u cioe' dik tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). Skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 15 et sequitur u mmarkat bhala Dok JB3 datat is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn bhala incident date '*from*' u '*to*' hemm inizzel '04/04/2016'. F'dan ir-rapport tnizzel li '*Today at about 2200 Dr.Maria Callus Med Reg 3343 from the Floriana Health Centre reported to the Valletta Police that she has just examed a certain Omissis (Aged 14) who stated that* ***about two weeks*** *ago she had been raped by a certain Neil Zammit...*' (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti). F'dan ir-rapport hemm imnizzel li '*note from Dr.Maria Callus 3343 is being attacted to this report*' izda ma hemm l-ebda nota annessa

ma' dan ir-rapport.

Jirrizulta li a fol 48 u mmarkat bhala JS2 giet ipprezentata mill-Ispettur John Spiteri 'MATER DEI HOSPITAL CONTINUATION SHEET' li l-Ispettur John Spiteri jiddiskriviha bhala '*kopja tac-certifikat mediku li kienet prezentat, li kien gie prezentat lill-Ufficjali tal-Pulizija wara li giet ezaminata dwar l-allegat stupru*'. F'dan id-dokument fejn hemm referenza all allegat stupru fejn fost informazzjoni ohra hemm imnizzel li '*she had non consensual penetrative interocourse*' u fejn fost dettalji ohra hemm imnizzel li '*No evidence of trauma*' u '*Hymen intact*'. Hemm imnizzel ukoll id-data tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u cioe' '*03/04/2016*' izda dan ic-certifikat ma giex ikkonfermat bil-gurament minn min gie rilaxxat filfatt dan gie ipprezentat mill-Ispettur John Spiteri u meta xehdet Dr Maria Callus hi qalet li ma rrilaxxat l-ebda certifikat ghalhekk ma jirrizultax li dan gie rilaxxat minn Dr Maria Callus. Din il-Qorti temfasizza l-importanza li kull nota u certifikati f'kazijiet bhal dawn jigu kkonfermati bil-gurament minn min ikun irilaxxa tali certifikati jew kieteb in-noti.

L-Ispettur John Spiteri fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*F'dan il-kaz il-vittma qed tallega li gara nhar it-3 t'April tat-2016 u l-Pulizija bdiet proprju minn hemmhekk tinvestiga l-kaz dwar allegat stupru*.' Fir-rapport ipprezentat minn WPS33 Ben Valletta bhala Dok. BV1 a fol 180 et sequitur hemm imnizzel fost fatti ohra li '*On the 20/04/2016 the Vice Squad police received a waiver signed by both parents, i.e. Omissis & Omissis which stated that they didn't want the police to proceed with any criminal action against Neil Zammit from B'Bugia regarding abuse on their minor daughter Omissis that happened on the **3/04/2016**, and that this was in the best interest of their daughter.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti). Kopja ta' din it-talba ghal rinunzja izda ma gietx ipprezentata quddiem il-Qorti.

Meta xehdet il-minuri *Omissis* bil-procedura tal-*video conferencing* hija spjegat li l-attivitajiet li sehhew fil-parking area fejn mistoqsi ghalfejn tkellmet mal-pulizija fuq Neil Zammit, spjegat li '*Jiena dik il-gurnata hassejt, wara gimghatejn hassejt hafna hakk*' u tghid li kienet iltaqghet '*l-ahhar gurnata tal-Easter Holidays*' ta' din is-sena u ghalhekk tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalhekk ghalkemm il-minuri qalet li kienet iltaqghet

mal-appellant fl-ahhar gurnata tal-vakanzi tal-Ghid, il-minuri fix-xhieda taghha ma semmietx specifikament id-data tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u cioe' d-data tal-ewwel imputazzjoni.

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet* ***ta' żmien*** *u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Micellef Grimaud) vs Christopher Ryan iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297494(M) U Joshua Xerri iben Gaetano, imwieled Pieta', fid-19 ta' Otturbu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 571991(M)**[32]' gie kkunsidrat:

'*Illi l-appellati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati taht arrest fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2011 akkuzat b'diversi reati li allegatament sehhew fit-12 ta' Dicembru, 2011. Illi l-provi bdew jinstemghu u l-ewwel Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2011 rat illi hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza u irrinvjat l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.*

*Illi minn dak in-nhar sal-4 ta' Ottubru, 2012 kien hemm hames okkazzjonijiet fejn l-atti tal-kawza gew rinvjati lill-Avukat Generali. Minbarra, dan fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2012 il-Prosekuzzjoni ipprezentat mill-gdid l-akkuzi. Fil-fatt, dawn kienu jirrigwardaw akkuzi specifiki lill-appellat Christopher Ryan, wahda li tirrigwarda r-recidiva u ohra dwar ksur ta' sentenza sospiza. Ghandu jinghad li l-akkuza tar-recidiva ma ssibx ruhha fil-korp tas-sentenza. Dawn l-akkuzi godda wkoll jirreferu ghad-data tat-12 ta' Dicembru, 2011.*

*Illi l-Avukat Generali appellant iddikjara li l-Prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni tad-data. Din id-dikjarazzjoni ma tirrizulta minn ebda verbal u kieku l-prosekuzzjoni talbet tali*

[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April, 2014 (Appell Kriminali Numru: 477/2012)

*korrezzjoni u l-Qorti ma laqtax tali talba l-prassi dejjem segwita hi li titlob lill-Qorti biex tivverbalizza t- talba tieghek u il-Qorti tiehu provvediment in materja. Minn dan kollu ma hemm xejn.*

*Illi hu car li hemm zball fid-data ta' meta graw il-fatti kif intqal fuq. Ghall-korrettezza ghandu jinghad li kemm il-prosekuzzjoni f' darbtejn, kif ukoll l-Avukat Generali matul il-kors kollu tal-kawza flew kemm il-darba l-inkartament. Din il-Qorti ssibha ferm stramba kif hadd ma nduna bi zball ta' tali proporzjoni.*

*Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti zbaljat meta helset lill-appellati mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' zball ta' data meta gew kommessi l-allegat reati. Fil-korp tar-rikors tieghu ghamel referenza ghall-zewg sentenzi li javallaw it-tezi tieghu. Min-naha tal-appellati l-abbli difensuri ndikaw lill-Qorti gurisprudenza aktar recenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jimmilataw favur l-argumenti taghhom li kien hemm l-opportunita' biex dan l-izball jigi sanat izda la l-prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma talbu sanatorja ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet Il-Pulizija v. Warren Piscopo u Il-Pulizija v. Ruth Theuma (it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.*

*Illi f' dan il-kawza, hawnhekk qed nitkellmu dwar avarija ta' ghaxar tijiem u f' dan il-process kien hemm wisq opportunitajiet biex jigi senat tali zball.*

*Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li lahqet tali decizjoni anki fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq indikati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Ruth Theuma'</u>**[33] gie kkunsidrat li:

**'8.** *Fil-kaz in ezami l-appellanti giet akkuzata b'numru ta' reati li allegatament sehhew "ghall-habta ta' 06.10 am". Il- provi jitkellmu dwar incident li sehh fis-6.00 p.m. jew ghall-habta tas-6.10 p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' W.P.S. 61 M. Cuschieri).*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 513/2010)

*Mela l-prosekuzzjoni setghet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuza, izda dan naqset milli taghmlu nonostante illi hija stess pprezentat provi dokumentarji mnejn kien jirrizulta l-hin korrett. L- appellanti mbaghad, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, instabet hatja ta' reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setghetx tinsab hekk hatja galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m.'*

L-istess gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Warren Piscopo**'[34]. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] Vs Andre' Falzon**'[35] gie kkunsidrat li:

*'Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l- inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.*

*Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

---

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 508/2010)

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Appell Numru: 385/2013)

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l- akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.*'

Illi ghalkemm l-iskop tac-citazzjoni huwa dak ta' avviz sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-appellant b'data partikolari, kellha tiprova li filfatt l-attivita sesswali mal-minuri *Omissis* sehhet f'dik id-data partikolari u cioe' fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalkemm fid-dokument intitolat '*MATER DEI HOSPITAL CONTINUATION SHEET*' a fol 48 hemm indikat id-data tat-'*03/04/2016*' u ghalhekk id-data tal-imputazzjoni, din ma gietx ikkonfermat bil-gurament mill-

persuni li ghamlet dawk in-notamenti u gialadarba Dr Maria Callus kienet xehdet li ma rrilaxxatx certifikat, din il-Qorti qieghda tifhem li dak id-dokument ma giex rilaxxat minnha izda minn gewwa l-Isptar Mater Dei fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). In oltre' meta l-minuri giet mistoqsija ghalfejn tkellmet mal-Pulizija fuq Neil Zammit, wiegbet li '*Jiena dik il-gurnata hassejt, wara gimghatejn hassejt hafna hakk*' jigifieri gimghatejn wara li marru flimkien fil-karozza. Jekk il-minuri tkellmet mal-Pulizija fl-isbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), gimghatejn qabel filfatt huwa t-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). Il-minuri xehdet li ltaqghet mal-appellant fl-ahhar gurnata tal-vakanzi tal-Ghid izda ma ssemiex specifikament id-data tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). Ir-rapport tal-Pulizija a fol 15 et sequitur huwa datat is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u jindika id-data tal-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) bhala '*Incident Date from*' u '*Incident Date to*'. L-istess rapport jindika li dak iz-zmien l-allegat stupru sehh '*about two weeks ago*'. PS 1192 Martin Wyson fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*fis-17 t' April kont xoghol l-ghassa l-Belt ta' bil-lejl night watch. Xi l-ghaxra ta' bil-lejl cemplulna mill-Policlinic tal-Furjana t-Tabiba Maria Callus fejn qaltilna li ghadha kif qed tezamina persuna ta' 14 -il sena li qed tallega li giet irrejpjatha. Jiena mort il-policlinic fejn kien hemm certu Omissis u kien hemm il- genituri taghha u saqsejtha x' gara u ma garax fejn hi qaltli li* ***xi hmistax qabel*** *kien hemm persuna certu Neil Zammit li ppikjatha l-Belt minn fejn il-Venda tal-karozzi u qallha biex tmur mieghu bil-karozza. Din accettat u marru lejn il-car wash ta' Transport Malta fejn hemmhekk hi qalet li dahlu fuq is-seat ta' wara, bdew jitbewsu u beda jnezzalha l-hwejjeg u hin minnhom prova jkollu x' jaqsam maghha u hi rrifjutat. Qalet ukoll li cartilha t-tghits u li ppenetraha. Qalet ukoll li bdiet twegga' u qallha issa dalwaqt tidra u ma tibqax thoss iktar ugigh. Qalet li ftit wara kien hemm xi demm u xi sperma fejn intmeshet f' xi gakketta u ramietha. Meta jien saqsejtha ghalfejn damet hmistax ma titkellem hi qaltli ghax bezghet mill-genituri taghha u marret taprocja lil genituri taghha ghax shabha bdew jghajruha bitch...*' Huwa kkonferma r-rapport a fol 168. Ghalhekk ghalkemm jista' jaghti l-kaz li l-attivitajiet sesswali verament sehhew fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), gialadarba l-imputazzjoni trid tigi ippruvata oltre kull dubju ragonevoli kellu jigi ppruvat li l-atti sesswali mal-minuri sehhew

fid-data indikata fl-imputazzjoni stante li d-data indikata mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni mhijiex approsimattiva izda specifika.

Stante li mix-xhieda tal-minuri *Omissis* jirrizulta li l-appellant hu hi kienu ftehmu biex jiltaqghu tramite facebook, il-Prosekuzzjoni setghet tipprezenta l-messaggi bhala prova tad-data ta' meta kellhom jiltaqghu biex b'hekk setgha jigi determinat kjarament jekk id-data indikata fuq ic-citazzjoni kinitx korretta. Din id-data izda ma gietx ippruvata sufficentement u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni akkuza taqra '*Aktar talli matul il-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u is-16 ta' Mejju 2016 gewwa dawn il-Gzejjer soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GAT683 tal-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad b'mod traskurat, perikoluz u bla kont;*'

Fir-rapport li jinsab a fol 7 et sequitur u mmarkat bhala Dok JB1 datat il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) dwar tfajliet li gew niesqa minn home, fir-rapport aggornat fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) tnizzel li '*Waqt li konna ghaddejjin minn gewwa n-nizla ta' l-Addolorata u waqafna fuq it-traffic lights ghall-habta ta' 01:10hrs waqfet vettura ma genb taghna bin-numru tar-registrazzjoni GAT 683 ta' l-ghamla toyota Tercel ta' lewn abjad. Go din il-vettura kien hemm 3 tfajliet u guvni li kien ix-xuffier. Irealizzajna li wahda min dawn it-tfajliet kienet Omissis li hija mnizla bhala missing. Akar minn hekk ahna pruvajna insuqu wara din il-vettura minhabba illi hekk kif ghamilnilu sinjal biex jieqaf dan saq min fuq il-post. Aktar min hekk ahna soqna lejn il-Hamrun minhabba illi dan tant kemm saq b'velocita qawwija li harab min fuq il-post.*' Tnizzel ukoll li '*Hekk kif wasalna gewwa Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun hdejn it-Top Choice ilmahna il-vettura GAT 683 ipparkjata mal-genb. Ghaldaqstant hekk kif PC101 nizell mill-vettura tas-servizz u qallu li hu Pulizija dan ir-riversja bil-vettura tieghu u ghal ftit ma laqatx lil Pc 101 u beda niezel bir-reverse gewwa Triq il-Kbira San Guzepp f'nofs ta' triq u f'daqqa wahda dar b'manjiera perikoluza u ghadda kontra s-sinjali tat-traffiku (one way) min Triq Santu Wistin. Aktar min hekk ahna pruvajna nsegwu lil din il-vettura pero minhabba li hu ghadda min triq one way ahna dorna dawra fit-toroq tal-madwar u din il-vettura ma*

*nstabitx.'*

**WPC 60 Grace Bianco** li xehdet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li '*apparentament fil-lejl tal-15 u s-16 ta' dan ix-xahar jiena kont xoghol flimkien ma' WPC 9 u PC 101 fejn konna qed naghmlu patrol fl-akkwati tal-Marsa u Rahal Gdid. F'hin minnhom ghal habta tas-siegha u ghaxra waqt li konna nezlin minn Triq in-Nizla tal-Addolorata waqafna fuq il-lights homor. Fil-pront x'hin waqafna fuq il-lights waqfet vettura ohra magenbna tal-marka Toyota Tercel ta' lewn abjad bin-numru GAT 683. F'din il-vettura kien hemm ix-xufier li qed naghraf bilqeghda f'din l-Awla u 3 tfajliet.'* Spjegat li '*Ahna rrealizzajna li l-passiggier li kien hemm fuq qudddiem kienet certu Omissis li dak il-hin kienet irrapurtata maghna missing person, kienet nieqsa mill-iStitut Jean Antide. Qaleb id-dawl u dan baqa' ma saqx. Bdew iharsu lejna, ahna harisna u x'hin qaleb id-dawl ahdar xorta ma saqx. Fil-pront ghamilnilu sinjal u beda jsuq bil-mod. Ahna bqajna mexjin bil-mod warajh u fil-pront x'hin gejna biex induru it-triq lejn il-Marsa u b'sahha kbir au b'velocita kbir saq minn wara l-vettura taghhna u harab minn warajna..'*

Spjegat ukoll li '*Ahna u mexjin lejn il-Hamrun fi Triq San Guzepp innutajna l-istess vettura pparkjatha mal-genb fejn it-Top Choice. Waqafna ma genbha u jiena li kont passiggieri gejt magenbu ezatt magenb ix-xufier ghamiltlu sinjal ghidtlu li Pulizija biex jieqaf ha ninzlu nkellmuh. Sa dan it-tant PC 101 nizel mill-vettura u mar magenb il-vettura biex ikellmu u qallu li Pulizija ssuqx mentri li dan b' sahha kbira rriversja b 'tali mod li kien ser itajjar lil kollega tieghi PC 101. Li kieku dan ma ccaqlaqx kien itajru zgur. Beda jghajjatlu Pulizija, Pulizija, ieqaf, ieqaf izda dan b'velocita kbiras baqa jirriversja tul Triq San Guzepp nahseb irriversja iktar minn 50 metru. PC 101 baqa' jigri warajh Pulizija ieqaf u jtih l-ordni beix jieqaf mentri dan baqa' jsuq b'sahha kbira bir-reverse fi Triq San Guzepp. Imbaghad x'hin gie mal-ewwel side road li tigi Triq Santu Wistin dik hija triq one way bis-sinjali tan-no entry dan ghadda minnha b' sahha kbira u b ' manjiera perikoluz dar b'sahha kbir au ghadda minn din it-triq li hija one way ukoll. Ahna dorna fl-akkwati biex naraw narawhx izda ma rajnihx u minn hemm ghadna ha mmorru l-iStitut xorta Jean Antide. X'hin ergajna dawwarna u konna sejrin lejn l-iStitut nilmhu lil Justin li dak il-hin kienet irrapurtata missing bilwieqfa fuq il-bankina. Waqafna magenba u tellajniha maghna fil-vettura biex nohduha lejn l-iStitut. Saqsejniha min kien ix-xufier li kienet qieghda mieghu u ma' min*

*kienet u din qaltilna li t-tliet tfajliet kienu 3 missing li kienu Omissis u Omissis li kienu rrapurtati nieqsa ukoll u li x-xufier kien certu Neil Zammit.'*

***Omissis*** fix-xhieda taghha moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) permezz tal-procedura tal-video conferencing xehdet dwar l-ahhar darba li kienet *missing* u cioe fejn kienu l-Hamrun u mbghad marru Hal Far u regghu marru l-Hamrun sakemm kienu ma' Neil Zammit. Gie ghalihom wara l-home biex johorgu mieghu fejn ikkuntatjawh fuq messenger. Kienu hi, *Omissis* u *Omissis*. Waqfu fit-traffic lights ta' Rahal Gdid fejn qalet li '*Neil qisu nduna li tal-Vice Squad u hekk u beda jiccekja jekk ghandhomx licenzja u hekk biex jara jekk hux huma jew le*' Spjegat li saqu ghal Hamrun u mbaghad gew warajhom, tahseb li kienu pulizija. Spjegat li '*mbaghad gew, giet karozza nahseb tal-Vice Squad kienu u nizel wiehed minnhom. X'hin nizel wiehed minnhom Neil irriversja u l-iehor baqa' jigri l-Pulizija u mbaghad inzilna 'l isfel. U mbaghad ahna nzilna mill-karozza ma bqajniex mieghu*' Xehdet li rriverzja naqra mghaggel. Spjegat li qalulu li kienu mahrubin x'hin gie ghalihom. Mistqosija jekk meta hareg l-Ufficjal tal-Pulizija qallux li kien Pulizija u xbeda jghidlu wiegbet li le '*Iftah biss qallu*.' Ix-xhud ma kinitx certa jekk l-imputat huwiex Neil. In kontro-ezami spjegat li ma kienux miftehimin mieghu li jahbihom. Kienu fil-karozza mieghu biex jiddevertu. *Omissis* xehdet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) ukoll bil-procedura tal-video conferencing. Meta harbet ma' *Omissis* u *Omissis*, hi u *Omissis* hargu ghal outing normali u *Omissis* kienet diga qieghda l-outing u mbghad iltaqghu ma Neil fejn kienu ikkomunikaw mieghu fuq facebook. Ghadda ghalihom minn Santa Venera fejn gie ghalihom bil-karozza u qaluli li huma mahrubin u marru Hal-Far u kienu sejrin il-Hamrun ghand kugintha. Spjegat li kien hemm karozza hdejhom u bdew jghidu jekk hijiex tal-vice squad u meta inbidlu l-lights ma telqux huma u mbaghad telaq Neil u dar min naha ohra ghax huma mahrubin. Minghaliha hadd ma qallu biex idur naha ohra. Marru il-Hamrun u waqfuha hdejn kugintha u kugintha ma kintix id-dar u wara ftit gew tal-vice squad li saqsewha fejn qieghed Neil u qalet li ma tafx u bdew icemplu lil Neil u gharfet il-lehen ta' Neil. In kontro-ezami qalet li kienu ftehmu huma t-tlieta fuq facebook, ma jidhirliex li meta kienu ma Neil ftehmu li jahbihom f'xi post, tghid li le ghax huma

kienu ha jmorru ghand kugintha jorqodu. Ikkonfermat li Neil hadhom dawra sa Hal Far u kien ha jwassalhom ghand il-kugina biex imorru jorqdu ghandha.

***Omissis*** xehdet fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn fost affarijiet ohra spjegat li Neil kien ipparkjat fejn il-bandli u hi dahlet il-Home '*U mbaghad x' hin ezatt rajt, dhalt biex nara li m' hemm hadd ma' Omissis u hekk. U x' hin ezatt speci rajt li mma kien hemm hadd hrigna dhalna fil-karozza ma' Neil*'. Jigifieri hargu hi, *Omissis* u *Omissis* u dahlu fil-karozza ma' Neil. Meta dahlu fil-karozza ma' Neil qalulu li huma '*speci missing*' minghaliha li dak il-hin qalulu. Qalet li '*imbghad qalilna speci thank you ghax naf x' ghandi naghmel*'. Marru Birzebbuga jew Hal Far u *Omissis* riedet tmur ghand il-kugina taghha. Tghid li meta waslu l-Hamrun '*Naraw, konna gia' rajna karozza kienu nimmagina tal-Vice Squads fit-traffic lights*' Xehdet li '*kien issuspetta Neil u lahaq harbilhom, telqilhom*'. Taf li kien hemm Pulizija kien gia ratu fil-karozza ta' qabel. Spjegat li '*X' hin ezatt irriversja hu ghax ma nafx indunax li Pulizija jew le forsi hasibhom xi hadd iehor jew le ma nafx ma kontx f'mohhu. X'hin ezatt irriversja kien hemm il-Pulizija ma nahsibx li kienet l-intenzjoni tieghu li jolqtu, ma nafx laqtux.*' Irriversja, daret il-karozza u waqqafhom fi Sqaq. Mistoqsija jekk il-Pulizija identifikax ruhu bhala Pulizija wiegbet li le ma ratx cards. Dwar kif irriversja ikkonfermat li l-karozza tal-Pulizija giet parallel maghhom u timmagina li dar, tikkonferma li dar cirku, zgur li mux bil-mod. Il-Pulizija beda jigri warajhom. Hija gharfet lil imputat bhala Neil. Ma kinitx qalet lil Neil li Pulizija. In kontro-ezami cahdet li minn fejn kien ipparkjat hdejn il-bandi seta jarah l-gate ta' Jean Antide. Ma tidhirx.

**PC101 Raznai Gaffarena** xehed fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) li '*bejn il-15 u s-16 ta' Mejju jiena flimkien ma' WPC 60 u WPC 9 konna qed naghmlu ronda fl-akkwati tal-Marsa. Kif ghal habta tas-siegha u ghaxra tas-16 ta' Mejju kif konna hergin mill-parking tal-Addolorata tal-Marsa gejna jigifieri Vjal Santa Lucija waqafna hdejn il-lights. Konna qed nistennew il-lights biex jaqilbu hodor u dak il-hin stess giet karozza hdejna ta' ghamla Toyota tercel bajda number plate GAT 683 fejn waqfet hdejna. Hemmhekk ahna harisna lejn il-karozza u kien hemm 4 minn nies go fiha, 3 tfajliet, zewg tfaliet wara u tfajla quddiem u xufier. Harisna lejhom u nnutajna li kien hemm persuna kienet irrapurtata*

*missing. Wahda minnhom li kienet qeghda quddiem kien jisimha Omissis innutajna li din kienet il-persuna. Harisna lejhom u f' daqqa u l-hin dawn kollha tawna daharhom u x-xufier li qed naghraf hawnhekk Neil Zammit.'* Spjegat li '*Kien qed ihares lejja. Il-lights qalbu hodor. Ghamilnilu sinjal biex jieqaf is-Sinjur izda kif imxejna ddecieda hu li jahrab minnha. Ghamilniha cara fil-fehma tieghi li ahna Pulizija izda xorta wahda s-Sinjur iddecieda li jaghzel triq ohra biex imur iktar 'il quddiem. Sinjura ftit tal-hin wara ahna ddecidejna li mmorru l-Hamrun fejn dawn it-tfajliet jirrisjedu. Kif konna ghaddejin minn Trq il-Kbira, San Guzepp Hamrun innutajna l-istess karozza pparkjatha mal-genb tat-triq. Hemmhekk ahna waqafna mal-genb tal-karozza, WPC 60 qaltlu li Pulizija nizlet u identifikar ruhha li Pulizija pero' dak il-hin jiena stess inzilt mill-karozza biex nikkonfronta lis-Sinjur. U izda kif dort mal-karozza is-Sinjur iddecieda li jixghel il-karozza, ghidtlu li Pulizija iktar minn darba, xeghel il-karozza, irriversja bil-konsegwenza li kien ser jolqotni imnalla jigifieri ersaqt ghax kien jghaffigli saqajja kieku, irriversja b' velocita qawwija lura, irriversja jigifieri one way, dar b'mod u manjiera jigifieri kieku kieet gejja karozza kien jifqa karozza, bl-ezatt ma gietx karozza. Jien grejt warajh nghajjar mieghu li Pulizija izda xorta wahda s-Sinjur dar, baqa' sejjer u dahal one way lejn Triq Santu Wistin..*'

WPC 9 Abigail Pomroy li xehdet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li '*nhar il-hmistax (15) ta' Mejju ta' din is-sena, proprjament kien fis-sittax (16) ta' Mejju skuzani, hemm, fis-siegha u ghaxra ta' filghodu (1:10am) l-istess waqt li kont qieghda night watch flimkien ma' WPC 60 u PC 101 konna nizlin min-nizla tal-Addolorata, waqafna fuq it-traffic lights il-homor kienu, u lmahna vettura bin-number plate GAT 683 tal-ghamla Toyota Tercell ta' lewn abjad u go fiha kien hemm tliet (3) tfajliet u guvni li kien qieghed isuq. Jiena kont qed insuq u mal-harsa tieghi li rajt malli harist lejn din il-karozza lmaht tfajla li ta' sikwit tkun bhala missing u hija taht l-eta' li kienet Omissis. Dak il-hin ahna cempilna d-Depot biex niccekkjaw jekk hemmx xi rapport ta' missing fuq din it-tfajla u lahqu qalbu l-lights hodor. Jiena bdejt insuq biex sakemm qed niccekkjaw. Hemmhekk ma kienx hemm fejn tieqaf ghax kien hemm karozzi warajna u ma stajniex nieqfu fil-genb biex inwaqqfu din il-vettura. Kif qalulni li kien hemm rapport ta' missing person li kien fih tliet (3) persuni kienu Omissis, Omissis u Omissis ghamilnilna sinjal.*' Huwa baqa jsuq. Dak il-hin tilfuh u ddeciedew li jmorru jistennew gewwa l-Hamrun fejn jabitaw dawn it-tfajliet. Kif waslu Triq il-Kbira Hamrun

lemhu l-vettura ma genb it-Top Choice u kien hemm WPC 60 illi waqfu ezatt ma genbha u bdiet tinfurmah li huma pulizija sabiex jieqaf. Spjegat li '*Dak il-hin PC 101 nizel mill-vettura u beda jghidlu li ahna pulizija u x-xufier tal-vettura rriversja b'velocita' qawwija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp. Eh, PC 101 beda jigri wara l-vettura pero' ovvjament ma lahqux, ahna komplejna nsuqu u f'xhin minnhom ix-xufier tal-vettura li wara sirna nafu li huwa certu Neil Zmamit dahal minn triq one way li hija triq Santu Wistinu allura ahna ma stajniex nidhlu warajh ghax ma konniex nafu l-karozzi li gejjin in-naha l-ohra, imbaghad ergajna tlifnih.*' Huma u sejrin lejn l-ghassa lemhu lil *Omissis* li giet mehuda l-home u li kien hemm Neil fil-vettura. Pruvaw jaghmlu kuntat ma Neil li beda jghid li jismu Joseph pero' *Omissis* gharfet lehnu u qaltilhom li kien hu. Qatalhom l-linja u meta regghu ordnawlu biex jirraporta gewwa l-Ghassa l-Hamrin mill aktar fis possili, qalilhom li jekk iridu imorru huma ghalih ghax kellhom kollox tieghu.

Meta **PC 101 Ruznai Gaffarena** xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li kienu ghaddejjin fit-triq, innutaw l-istess vettura pparkjatha mal-genb tat-triq go parking u kienu ghaddejin minn hemmhekk, raw lis-Sinjur flimkien mal-prezenza tal-minuri l-ohrajn. Waqfu, indunaw li kienu huma u niezel mill-karozza. Il-vettura kienet ipparkatja fl-ispaces il-bojod man-naha tal-genb tat-triq. Neil kien ix-xufier, waqfu u hareg mil-karzza tas-servizz, meta hareg mill-vettura kellu n-nofs tat-triq, fetah il-bieba, ghadda minn wara l-karozza tas-servizz. Wara l-karozza tal-akkuzat kien hemm zewg spazji vojta bhala parking base. L-apellant saq lura u kiser. Irriverzja b'velocita qawwja hafna, 180 degrees b'lura. Ma tantx saq lejn il-Belt ghax imbaghad dahal side street ohra li kienet one way Triq Santu Wistin. Xehed li '*Ezatt kif ha nhabbat propjament mort biex niftah il-pum jiena izda s-Sinjur lahaq xeghel u rriversja b'idejja fuq il-pum kwazi.*' Xehed li ma garrabx griehi.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**'[36] gie kkunsidrat li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, 21/5/96);'*

Minn dak deskritt mill-Pulizija ma hemmx dubju li kien l-appellant li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni b'manjiera perikoluza u mhux skont ir-regolamenti meta irriversja b'velocita qawwija, ghamel manuvra perikoluza fejn setgha anke ikkaguna feriti fuq PC 101 Ruznai Gaffarena. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant ghandu jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li taqra '*talli b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; matul ix-xhur ta' April 2016 u Mejju 2016 soqt vettura bil-mutur*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*bin-numru tar-registrazzjoni GAT 683 ta' l-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad minghajr licenzja tas-sewqan.'*

Skont is-sentenza li tinsab a fol 65 sa 70 tal-atti processwali moghtija fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Arthur Mercieca] [Spettur Carol Fabri] vs Neil Zammit u Brandon Schiavone**' deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-Qorti tal-Minorenni l-appellant gie skwaifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. Izda stante li ma gietx stabbilita data preciza ta' meta l-appellant kellu attivita sesswali mal-minuri *Omissis*, ma jistax jinghad b'certezza li dan kien sehh f'April. In oltre' ma jirrizultax pruvat li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan fix-xahar ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalhekk la darba din l-imputazzjoni hija marbuta max-xhur ta' April u Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata.
Ikkunsidrat;

Ir-raba' imputazzjoni taqra '*Aktar talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u s-16 ta' Mejju 2016 xjentement gieghelt, hajjart jew tajt għajnuna jew b'xi mod ieħor għen jew assistejt lil Omissis, Omissis, Omissis biex taħrab jew biex tkun jew tibqa' nieqsa kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' artiklu 12 ta' Kap 285 tal-ligijiet ta' Malta.*'

Ma hemm l-ebda dubju li l-appellant ma gieghelx, lanqas hajjar jew ta' ghajnuna jew assista lil dawn it-tlett (3) tfajliet biex jaharbu izda jirrizulta li ghen u assista biex jibqghu nieqsa tant li kien jaf li dawn it-tfajliet kienu harbu mill-Istitut u ghazel li xorta jibqa' fil-kumpannija taghhom. In oltre' jirrizulta li harab lil Pulizija meta gie mwaqqaf mill-Pulizija. L-appellant jissottometti li ma ghandux x'jaqsam mal-harba tat-tfajliet, din il-Qorti izda tqis li l-appellant kien filfatt ghen u assista sabiex persuni jibqghu neqsin anke jekk ma kienx gieghel, hajjar u ghenhom jaharbu. L-appellant jissottometti ukoll li din l-imputazzjoni ma tistax tregi fil-konfront ta' *Omissis* ghax mhix persuna taht l-eta' ta' sittax (16)-il sena izda kienet persuna ta' l' fuq minn sittax (16)-il sena.

A fol 202 giet ipprezentata minn Graziella Agius l-Ordni ghall-Harsien fil-konfront ta' *Omissis* immarkata bhala GA1, a fol 203 immarkata bhala GA2 l-Ordni tal-Harsien

fil-konfront ta' *Omissis* u a fol 204 immarkata bhala GA3 l-Ordni tal-Harsien fil-konfront ta' *Omissis* fejn dawn l-Ordnijiet jipprovdu ghad-dritt li titressaq oggezzjoni fi zmien wiehed u ghoxrin (21) jum mid-data li tigi ricevuta l-Ordni. A fol 191 immarkata bhala Dok CP7 giet ipprezentata kopja ta' dokument li jikkonferma li kien hemm hrug ta' Ordni ta' Harisen rigwardanti *Omissis* filwaqt li a fol 192 fid-dokument immarkat bhala Dok CP2 gie ipprezentat kopja ta' dokument li jikonferma li kien hemm hrug ta' ordni ta' harsien dwar *Omissis*.

***Omissis*** fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li ghandha sittax (16)-il sena. Skont ic-certifikat tat-twelid immarkat bhala JS5 u li jinsab a fol 51, *Omissis* twieldet fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) u ghalhekk jirrizulta li bejn il-lejl tal-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) *Omissis* kellha sittax (16)-il sena. Filwaqt li *Omissis* u *Omissis* kellhom anqas minn sittax (16)-il sena.

L-artikolu 12(2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Kull persuna li xjentement iġġiegħel, tħajjar jew tagħti għajnuna jew b'xi mod ieħor tgħin jew tassisti lil* ***<u>xi tifel jew żagħżugħ</u>*** *biex jaħrab jew biex ikun jew jibqa' nieqes kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja,priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta'mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*'(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Dan il-Kapitolu tal-ligi jiddifenixxi "*tifel jew żagħżugħ*" bhala '*persuna li tkun taħt l-età ta' sittax-il sena.*'

Ghalhekk din l-imputazzjoni giet ippruvata izda limitatament ghall-assistenza tal-appellant biex jibqghu mahrubin il-minuri *Omissis* u *Omissis* izda mhux ta' *Omissis* li kellha l-eta' ta' sittax (16)-il sena.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra li:

*'Aktar talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u s-16 ta' Mejju 2016 ma' obdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallejtx jew fixkilt waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gibt fix xejn jew hassart dak li ħaddieħor għamel skont il liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqghu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-kodiċi jew ta' liġi oħra;'*

Ma hemm l-ebda dubju li din l-imputazzjoni giet sufficentement ippruvata. Jirrizulta li l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija meta gie imwaqqaf, anzi saq b'mod perikoluz bir-*reverse* u harab minn fuq il-post. In oltre' naqas milli jobdni l-ordnijiet tal-Pulizija meta mitlub sabiex imur l-ghassa. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat;

Illi s-sitt imputazzjoni taqra li '*U aktar talli ksirt il-provediment ta' l-artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) waqt il perjodu operattiv taghhom mahruga mill Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata id-19 ta' Gunju 2013; Magistrat Dr. C. Peralta LL.D datata nhar it-18 ta' Marzu 2014 Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata fit 22 ta' Mejju 2014 Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata nhar it-22 ta' April, 2015;*'

Is-sentenza li tinsab a fol 65 et sequitur u mmarkata bhala Dok JS6 kienet deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn l-imputat kien ikkundannat ammenda ta' hamsa u hamsin ewro (55) ghat-tielet imputazzjoni u hamsa u hamsin ewro (55) ghas-seba' imputazzjoni u ghalhekk total ta' mija u ghaxar ewro (110) ewro. L-imputat kien ukoll skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena u ghal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Is-sentenza li tinsab a fol 71 et sequitur u mmarkata bhala JS7 giet deciza fid-dsatax

(19) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn l-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin b'applikazzjoni tal-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz mitt (100) siegha ta' servizz fil-kommunita. Il-Qorti kienet anke estenditlu l-perjodu ta' liberta kondizzjonata ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Skont is-sentenza li tinsab a fol 74 et sequitur u mmarkata bhala JS8 deciza fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn fuq estenzjoni ta' probation order moghtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Clarke, LL.D, poggietu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin ai termini tal-artikoli 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni izda ma pprezentatx kopja tas-sentenza moghtija mill-'*Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata fit 22 ta' Mejju 2014*'

L-imputat sejjer anke jinstab hati ta' din l-imputazzjoni limitatament ghal ksur ta' provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija fid-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinsab a fol 71 et sequitur, tat-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li tinsab a fol 74 et sequitur u dik tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 65 et sequitur stante li jirrizulta li r-reati mertu ta' dawn il-proceduri gew kommessi meta l-appellant kien taht ordni ta' probation.

Ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien misjub hati f'diversi sentenzi, in vista tal-fatt li fis-sentenzi esebiti jirrizulta li fost pieni ohra, kien tpogga taht ordni ta' probation, din il-Qorti mhijiex sejra titratta mal-akkuzat bhala recediv. Fifatt kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Stephen Zahra'**[37]:

*'Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152)* ***"ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini tkun li tkun hlief"*** *fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2008 (Appell Kriminali Numru: 306/2006)

*Għalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt ieħor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation*[38].'

Ikkunsidrat;

L-appellant fl-appell tiegħu talab sabiex ikun hemm ukoll varjazzjoni tal-piena kemm f'dik ta' priġunerija effettiva u anke f'dik rigwardanti l-iskwalifika tal-imputat milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mid-data tas-sentenza. Din il-Qorti rat ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa u tas-social inquiry report preżentat.

Din il-Qorti la darba din il-Qorti mhijiex issib ħtija tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u anke abbażi ta' dak ikkunsidrat dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet, mhijiex sejra timponi piena karcerarja, iżda tenut kont tal-fatt li jirriżulta li l-appellant għalkemm ta' età relattivament żgħira diġa għandu fedina penali refrettarja b'diversi kundanni u minkejja li ngħata diversi ċansijiet mill-Qrati tant li kien soġġett għal Ordni ta' Probation f'diversi okkażżjonijiet l-appellant ma għamilx użu tajjeb ta' dawn iċ-ċansijiet mogħtija lilu, ma hijiex sejra timponi piena alternattiva iżda sejra timponi l-piena ta' multa li għandha titħallas fiż-żmien li sejjer jiġi stabbilit minn din il-Qorti, bil-konsegwenza li jekk din ma titħallasx fiż-żmien stabbilit, tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Dwar l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant, din il-Qorti tikkunsidra li jekk l-appellant kien jeħtieġ liċenzja ta' sewqan għal ħidma tiegħu messu qies il-konsegwenzi ta' egħmilu. Abbażi tal-fatt li din mhijiex l-ewwel kundanna dwar reati relatati mas-sewqan, sejra tordna l-iskwalifika mlli jżomm jew jottjeni liċenzja as-sewqan għal żmien sena mid-data tas-sentenza.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li *ex officio* ddikjarat is-sentenza appellata bħala nulla, u wara li rat l-artikoli 17, 18 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

[38] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awissu 2006. (Din ir-referenza tinsab fit-tielet (3) nota ta'qiegħ il-paġna tas-sentenza citata)

l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Mata, l-artikolu 12(2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2), tar-raba' (4) imputazzjoni limitatament ghal ghajnuna u assistenza lil *Omissis* u *Omissis* biex jibqghu nieqsa izda mhux lil *Omissis*, tal-hames (5) imputazzjoni u tas-sitt (6) imputazzjoni limitatament ghal ksur ta' provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi mghtija fid-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinsab a fol 71 et sequitur, tat-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li tinsab a fol 74 et sequitur u dik tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 65 et sequitur izda mhux ta' ksur tal-provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti sentenza moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) stante li din is-sentenza ma gietx ipprezentata fl-atti.

Din il-Qorti ma ssibx htija tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u lanqas ma sejra titratta mal-imputat bhala recediv u sejra ghalhekk tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) li f'kaz li ma tithallas fi zmien xahar mil-lum tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Rigward dawk l-akkuzi u appuntu l-akkuza numru hames (5) u sitta imputazzjoni limitatament ghal ksur ta' provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi mghtija fid-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinsab a fol 71 et sequitur, tat-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li tinsab a fol 74 et sequitur u dik tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 65 et sequitur, din il-qorti qieghda ai termini tal-artikolu 23 (1) (b) tal-kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta a tibgħat lill-appellant **Neil Zammit** quddiem dik l-istess qorti li għamlet l-ordni ta'probation, u tissolecita lil dik il-qorti sabiex kemm jista' jkun malajr, tara li l-appellant jinġieb quddiemha, u dan sabiex tkun tista'tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saretl-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat.

Ghalhekk tordna li kopja ta din is-sentena flimkien ma l-atti ta' dan il-proess jintbaghtu quddiem dik l-Qorti li a bazi taghha inhargu l-probation orders imsemmija fil-hames (5) u sitt (6) akkuza.

Din il-Qorti qieghda wkoll tiskwalifika lill-appellant milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

Din il-Qorti tordna sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri, tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u l-genituri tal-minuri fi kwalunkwe mezz ta' xandir.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur